Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0223(COD)

27.3.2017

EMENDI
417 - 798

Abbozz ta' rapport
Tanja Fajon
(PE599.799v02-00)

Standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul

Proposta għal regolament
(COM(2016)0466 – C8-0324/2016 – 2016/0223(COD))

Emenda 417
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà, l-effikaċja u d-durabilità ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-istatus soċjali flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant.	***imħassar***

Or. en

Emenda 418
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà, l-effikaċja u d-durabilità ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu ***b'mod partikolari*** s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-istatus	4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà, l-effikaċja u d-durabilità ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-istatus soċjali.

soċjali ***flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant***.

Or. en

Emenda 419
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà, l-effikaċja u d-durabilità ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-istatus soċjali flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant.	4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà, l-effikaċja u d-durabilità ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali***, l-oriġini etnika, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, is-saħħa*** u l-istatus soċjali flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant.

Or. en

Emenda 420
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li	4. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ġenerali prevalenti f'dik il-parti tal-pajjiż li

hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà***,*** l-effikaċja ***u d-durabilità*** ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali***, l-identità sesswali*** u l-istatus soċjali flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant.	hija s-sors tal-protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7, għandhom jitqiesu l-aċċessibbiltà ***u*** l-effikaċja ta' dik il-protezzjoni. Meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-saħħa, l-età, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali u l-istatus soċjali flimkien ma' valutazzjoni ta' jekk l-għajxien fil-parti tal-pajjiż ta' oriġini meqjus bħala sikur jimponix tbatija mhux dovuta fuq l-applikant.

Or. en

Emenda 421
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Kwalunkwe deċiżjoni li ma tiġix ipprovduta protezzjoni internazzjonali lil minorenni, kemm jekk akkumpanjat jew le, abbażi tad-disponibbiltà ta' protezzjoni internazzjonali, għandha tkun preċeduta minn proċedura li tiddetermina l-aħjar interessi formali. Meta l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, id-disponibbiltà ta' kura xierqa, l-arranġamenti kustodjali u s-soluzzjonijiet dejjiema għall-iżvilupp tiegħu jew tagħha jenħtieġ li jkunu parti mill-valutazzjoni dwar jekk il-protezzjoni hijiex garantita b'mod effettiv fil-qasam individwat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju dwar l-aħjar interessi tat-tfal jenħtieġ li jkun l-ewwel kunsiderazzjoni tal-awtorità determinanti anke meta jitqiesu l-kundizzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Il-minorenni, kemm jekk akkumpanjat jew le, jenħtieġ li jintbagħat lura f'żona sikura tal-pajjiż

ta' oriġini tiegħu jew tagħha biss f'każ li jiġi vvalutat li l-kundizzjonijiet kollha għall-benesseri tiegħu jew tagħha jkunu ssodisfati. Id-dispożizzjoni ta' dan l-Artikolu hija allinjata ma' dak li huwa previst fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/115/KE ("Direttiva dwar ir-Ritorn").

Emenda 422
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun serju biżżejjed fin-natura jew ir-ripetizzjoni tiegħu li jikkostitwixxi vjolazzjoni serja ta' drittijiet ***bażiċi*** tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet li ma tistax issir deroga minnhom skont l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; jew	(a) ikun serju biżżejjed fin-natura jew ir-ripetizzjoni tiegħu li jikkostitwixxi vjolazzjoni serja ta' drittijiet tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet li ma tistax issir deroga minnhom skont l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; jew

Or. en

Emenda 423
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) atti ta' vjolenza fiżika jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali;	(a) atti ta' vjolenza fiżika jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali ***u/jew traffikar għal sfruttament sesswali***;

Or. en

Emenda 424
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mižuri legali, amministrattivi, mižuri mill-pulizija u/jew mižuri ġudizzjarji li huma fihom infushom diskriminatorji jew li huma implimentati f'manjiera diskriminatorja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 425
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) prosekuzzjoni jew kastig li huwa sproporzjonat jew diskriminatorju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 426
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ċaħda ta' rimedju ġudizzjarju li tirriżulta f'kastig sproporzjonat jew diskriminatorju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 427
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) prosekuzzjoni jew kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari f'konflitt, fejn it-twettiq ta' servizz militari jkun jinkludi delitti jew atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għall-esklużjonijiet kif dikjarat fl-Artikolu 12(2);	***imħassar***

Or. en

Emenda 428
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) prosekuzzjoni ġudizzjarja diskriminatorja jew sproporzjonata jew kastig li jwasslu għal ksur serju tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għal rifjut li jwettaq servizz militari għal raġunijiet morali, reliġjużi jew politiċi jew minħabba li jkun jappartjeni għal etniċità jew ċittadinanza partikolari;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Att ta' persekuzzjoni attwalment previst fil-liġi Taljana (D.Lgs. 21.12.2014 n. 18 art. 1 lettera bis)

Emenda 429
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) atti ta' natura speċifika għas-sess jew għat-tfal.	***imħassar***

Or. en

Emenda 430
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) atti ta' natura speċifika għas-sess jew għat-tfal.	(f) atti ta' natura speċifika għas-sess jew għat-tfal***, bħal reklutaġġ taħt l-età, mutilazzjoni ġenitali, żwieġ sfurzat, traffikar tat-tfal u tħaddim tat-tfal, vjolenza domestika, traffikar għal sfruttament sesswali, ksur ta' drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali***.

Or. en

Emenda 431
Gérard Deprez, Louis Michel

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu ***fil-valutazzjoni tar-raġunijiet*** għal persekuzzjoni:	1. L-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu ***meta l-awtorità determinanti tivvaluta r-raġunijiet*** għal persekuzzjoni:

Or. fr

Emenda 432
Lorenzo Fontana

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kunċett ta' reliġjon għandu partikolarment jinkludi ***t-twemmin*** teistiku, nonteistiku, u ateistiku, il-parteċipazzjoni fi, jew l-astensjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew b'mod individwali jew f'komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni, jew forom ta' kondotta personali jew kommunali bbażati fuq jew magħmula obbligatorji minn xi twemmin reliġjuż;	(b) il-kunċett ta' reliġjon għandu partikolarment jinkludi ***l-fidi reliġjuża (kif jidher mill-persekuzzjonijiet kontra l-Insara fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani), it-twemmin*** teistiku, nonteistiku, u ateistiku, il-parteċipazzjoni fi, jew l-astensjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew b'mod individwali jew f'komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni, jew forom ta' kondotta personali jew kommunali bbażati fuq jew magħmula obbligatorji minn xi twemmin reliġjuż;

Or. it

Emenda 433
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kunċett ta' reliġjon ***għandu partikolarment*** jinkludi t-twemmin ***teistiku, nonteistiku, u ateistiku, il-parteċipazzjoni*** fi, jew l-astensjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew b'mod individwali jew f'komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni, jew forom ta' kondotta personali jew kommunali bbażati fuq jew magħmula obbligatorji minn xi twemmin reliġjuż;	(b) il-kunċett ta' reliġjon ***bi twemmin teistiku jew nonteistiku*** jinkludi t-twemmin ***tal-manifestazzjoni ta' u l-parteċipazzjoni*** fi, jew l-astensjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew b'mod individwali jew f'komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' opinjoni, jew forom ta' kondotta personali jew kommunali bbażati fuq jew magħmula obbligatorji minn xi twemmin reliġjuż;

Or. en

Emenda 434

Traian Ungureanu, Artis Pabriks, Tomáš Zdechovský, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kunċett ta' grupp soċjali partikolari għandu jinkludi, partikolarment, grupp fejn:	***imħassar***
membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, u	
-	
li grupp għandu identità distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li jitqies bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru;	
skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali (terminu li jista' jinftiehem li jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti relatati mas-sess, inkluża l-identità sesswali, għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;	

Or. en

Emenda 435
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kunċett ta' grupp soċjali	(d) il-kunċett ta' ***sħubija fi*** grupp

partikolari għandu jinkludi, partikolarment, grupp fejn:	soċjali partikolari għandu jinkludi, partikolarment, grupp fejn:

Or. en

Emenda 436
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***u***	- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***jew***

Or. it

Emenda 437
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***u***	- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***jew***

Or. en

Emenda 438
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***u***	- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***jew***

Or. en

Emenda 439
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***u***	- membri jaqsmu karatteristika innata, jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, ***jew***

Or. en

Emenda 440
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
li grupp għandu identità distinta fil-pajjiż	li grupp għandu identità distinta

rilevanti, minħabba li jitqies bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru;	***dimostrabbli*** fil-pajjiż rilevanti, minħabba li jitqies bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru;

Or. en

Emenda 441
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali (terminu li jista' jinftiehem li jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti relatati mas-sess, inkluża l-identità sesswali, għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;	***imħassar***

Or. en

Emenda 442
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett ***jista'*** jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali ***(terminu li jista' jinftiehem li jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti*** relatati mas-sess, inkluża l-identità	skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali ***u tal-aspetti*** relatati mas-sess, inkluża l-identità sesswali***; dawn l-aspetti*** għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija

sesswali**,** għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;	fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;

Or. it

Emenda 443
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett ***jista'*** jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali (terminu li jista' jinftiehem li jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti relatati mas-sess, inkluża l-identità sesswali, għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;	skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett ***għandu*** jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali (terminu li jista' jinftiehem li jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti relatati mas-sess, inkluża l-identità sesswali, ***l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess,*** għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;

Or. en

Emenda 444
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett ***jista'*** jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali ***(terminu li jista' jinftiehem li***	skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż ta' oriġini, il-kunċett ***għandu*** jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristika komuni ta' orjentazzjoni sesswali ***u*** aspetti relatati mas-sess ***u/jew li***

jinkludi atti kkunsidrati bħala kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri); aspetti relatati mas-sess***, inkluża l-identità*** sesswali, għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;	***jkun għadda minn jew jidħol f'riskju ta' traffikar*** sesswali ***għal sfruttament sesswali, inkluż l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess. Dawn l-aspetti*** għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The shadow rapporteur agrees with the rapporteur that linking sexual orientation toacts considered criminal is out of place and should be removed. Sexualorientation in legislation can never mean acts considered to be criminal and hasno legal added-value since the concept of sexual orientation is clearly definedin European treaties and EU law, and thus also recognised in national law. The addition of "gender expression" to the definition of"particular social group" follows in particular a European Court of HumanRights ruling where it was clarified that individuals can be at particular riskof ill-treatment (under Article 3 ECHR) in third countries where they areperceived as not conforming to the gender roles ascribed to them by society,tradition and even the legal system (N v. Sweden, Application no. 23505/09).

Emenda 445
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-kunċett ta' opinjoni politika għandu, partikolarment, jinkludi ż-żamma ta' opinjoni, ħsieb jew twemmin dwar kwistjoni relatata mal-atturi potenzjali ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 6 u għall-politika jew il-metodi tagħhom***, kemm jekk dik l-opinjoni, ħsieb jew twemmin ikun aġixxa fuqu l-applikant u kemm jekk le***.	(e) il-kunċett ta' opinjoni politika għandu, partikolarment, jinkludi ż-żamma ta' opinjoni, ħsieb jew twemmin dwar kwistjoni relatata mal-atturi potenzjali ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 6 u għall-politika jew il-metodi tagħhom.

Or. en

Emenda 446
Gérard Deprez, Louis Michel

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fil-valutazzjoni ta'*** jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.	2. ***Meta l-awtorità determinanti tivvaluta*** jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.

Or. fr

Emenda 447
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-valutazzjoni ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.	2. Fil-valutazzjoni ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita ***b'mod dimostrabbli*** għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.

Or. en

Emenda 448
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-valutazzjoni ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.	2. Fil-valutazzjoni ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant fil-verità għandux il-karatteristika razzista, ***etnika,*** reliġjuża, nazzjonali, soċjali jew politika li tattira l-persekuzzjoni, sakemm din il-karatteristika tkun attribwita għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.

Or. en

Emenda 449
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 450
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.	3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha***, diment li tali prattiki u mġiba ma jikkontradixxux id-dritt tal-Unjoni u n-normi***.

Or. en

Emenda 451
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.	3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità ***jew il-kuxjenza*** tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-shadow rapporteur jaqbel mar-rapporteur li t-terminu "identità" huwa restrittiv. Tista' tkun il-kuxjenza ta' persuna li twassal lil dik il-persuna biex ikollha biża' ġustifikata li tiġi persegwitata. Dan huwa konformi wkoll mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawżi Magħquda C-71/11 u C-99/11.

Emenda 452

Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.	3. Fil-valutazzjoni jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jiġi ppersegwitat, l-awtorità determinanti ma tistax tistenna raġonevolment lil applikant iġib ruħu b'mod diskret jew jastjeni minn ċerti prattiki, fejn din l-imġiba jew dawn il-prattiki jkunu inerenti għall-identità ***jew il-kuxjenza*** tiegħu jew tagħha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 453
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Waqfien	
1.	
Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ma jibqax rifuġjat fejn japplikaw wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:	
(a) persuna tkun għamlet użu mill-ġdid b'mod volontarju mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità;	
(b) billi kienet tilfet in-nazzjonalità tagħha, il-persuna tkun akkwistatha mill-ġdid b'mod volontarju;	
(c) il-persuna tkun akkwistat nazzjonalità ġdida, u tgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż tan-	

nazzjonalità ġdida tagħha;

(d) il-persuna tkun stabbiliet lilha nnifisha mill-ġdid b'mod volontarju fil-pajjiż li hija tkun telqet minnu jew li baqgħet barra minnu minħabba biża' ta' persekuzzjoni;

(e) il-persuna ma tistax aktar, minħabba li ċ-ċirkostanzi li f'konnessjoni magħhom hija tkun ġiet magħrufa bħala rifuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tkompli tirrifjuta milli tagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità;

(f) billi hija persuna mingħajr stat, il-persuna tista', minħabba li ċ-ċirkostanzi li bihom hija ġiet rikonoxxuta bħala rifuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tirritorna lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

Il-punti (e) u (f) m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li jista' jinvoka raġunijiet b'saħħithom li jinħolqu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

2. Meta japplikaw il-punti (e) u (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti

(a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja b'tali mod li l-biża' tar-rifuġjat minn persekuzzjoni ma tistax tibqa' titqies bħala ġustifikata;

(b) għandha tibbaża lilha nnifisha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jew informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.

Or. en

Emenda 454
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) hija taħrab barra mill-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru ospitanti tagħha

Or. en

Emenda 455
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punti (e) u (f) m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li jista' jinvoka raġunijiet b'saħħithom li jinħolqu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.	***imħassar***

Or. en

Emenda 456
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-punti (e) u (f) m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li jista' ***jinvoka*** raġunijiet b'saħħithom li jinħolqu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.	Il-punti (e) u (f) m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li jista' ***juri l-eżistenza ta'*** raġunijiet b'saħħithom li jinħolqu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Deroga għall-punti (e) u (f) tal-Artikolu 11 jenħtieġ li ssir biss meta r-rifuġjat ikun jista' jagħti prova li hemm raġunijiet marbuta mal-persekuzzjoni preċedenti li jaffettwaw id-dritt tiegħu li jkun protett fil-pajjiż ta' nazzjonalità jew, ikun persuna mingħajr stat, fil-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel. Din id-dispożizzjoni tgħin biex jiġu pprevenuti l-abbużi tas-SEKA.

Emenda 457
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li rifjut kontinwu għal integrazzjoni attiva minn naħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ikkwalifikata bħala rifuġjat jista', bħala l-aħħar alternattiva, iwassal għall-waqfien tal-eliġibbiltà għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 458
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja b'tali mod li l-biża' tar-rifuġjat minn persekuzzjoni ma tistax tibqa' titqies bħala ġustifikata;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istess salvagwardji huma diġà garantiti fil-paragrafi 1(e) u 1(f) ta' dan l-Artikolu.

Emenda 459
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***għandha*** tibbaża lilha nnifisha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] ***jew informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati***.	(b) ***tista'*** tibbaża lilha nnifisha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil].

Or. en

Emenda 460
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għandha ***tibbaża lilha nnifisha fuq*** informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jew informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.	(b) għandha ***tqis*** informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jew informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.

Or. en

Emenda 461
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża ***milli tkun rifuġjat*** jekk:	1. Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża ***mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*** jekk:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-shadow rapporteur jaqbel mar-rapporteur li l-Artikolu 1(D) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ma jiċħadx l-istatus ta' "rifuġjat" lil ċerti kategoriji ta' persuni. Dan sempliċement iċaħħadhom mid-drittijiet u l-benefiċċji tal-Konvenzjoni. Peress li dan l-Artikolu huwa wkoll ispirat mill-Artikolu 1(D) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jittieħed l-istess approċċ.

Emenda 462
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(D) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li tirrigwarda l-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti apparti l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma definittivament f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk il-persuni għandhom ipso facto jkunu intitolati għall-benefiċċji ta' ***dan ir-Regolament***;	(a) taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(D) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li tirrigwarda l-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti apparti l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma definittivament f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk il-persuni għandhom ipso facto jkunu intitolati għall-benefiċċji ta' ***din id-Direttiva***;

Or. en

Emenda 463
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Fil-każ tal-Palestinjani li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) huma għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament speċjalment jekk: ***• skont l-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, huma ma jkunux tassew ibbenefikaw mill-assistenza pprovduta mill-UNRWA,*** ***• għala aġenzija l-UNRWA hija mitmuma jew l-attivitajiet tagħha mwaqqfa jew għal kwalunkwe raġuni oġġettiva barra l-kontroll tal-persuna kkonċernata b'tali mod li l-persuna ma tkunx kapaċi tibbenefika (mill-ġdid) mill-protezzjoni***

jew l-assistenza tal-UNRWA;

• persuna, wara li tkun tassew ibbenefikat minn tali protezzjoni jew assistenza, ma tibqax tirċeviha għal raġuni lil hinn mill-kontroll u indipendenti mill-għażla tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to the "Note on UNHCR's Interpretation of Article 1D of the 1951 Convention relating to the Status of Refugees and Article 12(1)(a) of the EU Qualification Directive" in the context of Palestinian refugees seeking international protection, the phrase "ceased for any reason" in the second paragraph of Article 1D of the 1951 Convention/Article 12(1)(a) of the Qualification Directive should not be interpreted restrictively.

Broadly similar to UNHCR's position, the CJEU in Case C-364/11 held that the phrase "when such protection or assistance has ceased for any reason" (without the position of those persons concerned being definitely settled in accordance with the relevant UN General Assembly resolutions) includes the following situations:

• Situations where a person who, after actually availing him/herself of UNRWA's assistance, ceases to receive it for a reason beyond his/her control and

• independent of his/her volition which forces him/her to leave the UNRWA area and therefore prevents him/her from receiving UNRWA's assistance. This includes situations where a Palestinian refugee has been forced to leave UNRWA's area of operation where his/her personal safety is at serious risk and if it is impossible for UNRWA to guarantee his/her living conditions in accordance with that organization's mission.

• The cessation of UNRWA as an agency or the cessation of UNRWA's activities. This would include the fact that it has become impossible for UNRWA to carry out its mission. However, the CJEU noted that it is primarily the actual assistance provided by UNRWA and not the existence of UNRWA as an agency that must cease in order for the second sentence of Article 12(1)(a) to be triggered.

Emenda 464
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ***għandha*** tiġi eskluża milli tkun rifuġjat meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:	2. Persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ***tista'*** tiġi eskluża milli tkun rifuġjat meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

Or. en

Emenda 465
Traian Ungureanu, Artis Pabriks, Kinga Gál, Pál Csáky, Tomáš Zdechovský, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) hija tkun ippjanat, iffaċilitat jew ipparteċipat fit-twettiq ta' reati terroristiċi.

Or. en

Emenda 466
Traian Ungureanu, Artis Pabriks, Kinga Gál, Pál Csáky, Tomáš Zdechovský, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) hija tkun ipparteċipat fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku, inkluż il-fatt li tipprovdi informazzjoni jew riżorsi materjali, jew billi tiffinanzja bi kwalunkwe mod l-attivitajiet tiegħu.

Or. en

Emenda 467
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) hija tkun ikkommettiet delitt serju mhux politiku ***barra mill-pajjiż tar-rifuġju*** qabel l-ammissjoni tagħha bħala rifuġjat, jiġifieri qabel il-mument tal-ħruġ ta' permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' stat ta' rifuġjat; partikolarment azzjonijiet krudili, anke jekk kommessi b'għan allegatament politiku, jistgħu jiġu klassifikati bħala delitti serji mhux politiċi;	(b) hija tkun ikkommettiet delitt serju mhux politiku qabel l-ammissjoni tagħha bħala rifuġjat, jiġifieri qabel il-mument tal-ħruġ ta' permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' stat ta' rifuġjat; partikolarment azzjonijiet krudili, anke jekk kommessi b'għan allegatament politiku, jistgħu jiġu klassifikati bħala delitti serji mhux politiċi;

Or. en

Emenda 468
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) hija taħrab barra mill-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru ospitanti tagħha

Or. en

Emenda 469
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 2 għandu japplika għal persuni li jinċitaw jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Treaties prescribe that the European common policy on asylum be in accordance with the Geneva Convention relating to the status of refugees and other relevant treaties (see, among others, Article 18 of the Charter, which states that "the right to asylum shall be guaranteed with due respect for the rules of the Geneva Convention"). Nevertheless the corresponding article of the Convention (Article 1F) does not include in its scope "persons who incite or otherwise participate in the commission of the crimes or acts mentioned therein". UNHCR had already proposed the deletion of Article 12 (3) in 2009 in its comments to the previous revision of the Directive, as it could lead Member States to

exclude persons lacking the intent to commit crimes, who thus could not be deemed

individually responsible under international criminal law.

See: UNHCR comments on the European Commission's proposal for a Directive of the

European Parliament and of the Council on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as beneficiaries of international protection and the content of the protection granted

(COM(2009)551, 21 October 2009)

Emenda 470
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-klawżoli ta' esklużjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għall-minorenni.

Or. en

Emenda 471
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-klawżoli ta' esklużjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għall-minorenni.

Or. en

Emenda 472
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-punt (c) tal-paragrafu 2 biss wara li, għal kull każ individwali, iwettqu valutazzjoni tal-fatti speċifiċi miġjuba għall-attenzjoni tagħhom bl-għan li jiġi determinat jekk hemmx raġunijiet serji biex jitqies li l-atti mwettqa mill-persuna inkwistjoni, li nkella tissodisfa l-kundizzjonijiet kwalifikanti għall-istatus ta' rifuġjat, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-esklużjoni partikolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Paragrafu f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, għal dan l-għan, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, B u D, C-57/09 u C-101/09, punti 87 u 94 u s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2017, Mostafa Lounani, C-573/14, punt 72).

Emenda 473
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-persuni kollha affettwati mir-raġunijiet tal-esklużjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkollhom aċċess għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 474
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, l-atti li ġejjin għandhom jiġu klassifikati bħala atti serji mhux politiċi:	***imħassar***
(a) azzjonijiet partikolarment krudili meta l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,	
(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.	

Or. en

Emenda 475
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, l-atti li ġejjin għandhom jiġu klassifikati bħala atti serji mhux politiċi:	***imħassar***
(a) azzjonijiet partikolarment krudili meta	

l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,

(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.

Or. en

Emenda 476
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, l-atti li ġejjin għandhom jiġu klassifikati bħala atti serji mhux politiċi:	***imħassar***
(a) azzjonijiet partikolarment krudili meta l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,	
atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-shadow rapporteur jaqbel mal-ġustifikazzjoni tar-rapporteur (għall-§5 kollu u għalhekk anke għaż-żewġ partijiet imħassra li ġejjin) skont liema "Il-ġurisprudenza tal-QTĠ-UE, imsemmija fil-Premessa 31, tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu eżistenti 12(2)(b) u (c). Iż-żieda ta' paragrafu addizzjonali mal-Artikolu jżid biss konfużjoni. L-interpretazzjoni tal-QTĠ-UE hija stabbilita fil-Premessa 31 u hija ċara u suffiċjenti biex jiġi interpretat l-Artikolu 12(2)(b) u (c) fir-rigward tat-terroriżmu u b'mod partikolari azzjonijiet krudili."

Emenda 477
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet ***tal-punti*** **(*b) u (***c) tal-paragrafu 2, ***l-atti*** li ġejjin għandhom ***jiġu klassifikati bħala atti serji mhux politiċi***:	5. Għall-finijiet ***tal-punt*** (c) tal-paragrafu 2, ***l-aspetti*** li ġejjin għandhom ***jitqiesu ta' importanza partikolari mill-awtorità determinanti matul il-valutazzjoni individwali***:

Or. en

Emenda 478
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) azzjonijiet partikolarment krudili meta l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,	***imħassar***

Or. en

Emenda 479
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) azzjonijiet partikolarment krudili meta l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,	***imħassar***

Or. en

Emenda 480
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***azzjonijiet partikolarment krudili meta l-att inkwistjoni jkun sproporzjonat għall-allegat objettiv politiku,***	(a) ***il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku, għalkemm ma jkunx ġie stabbilit li l-persuna kkonċernata wettqet, ippruvat twettaq jew heddet li se twettaq att terrorsitiku kif definit fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;***

Or. en

Emenda 481
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 482
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn	***imħassar***

popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.

Or. en

Emenda 483
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.	(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku ***u li huma involuti fit-tħejjija ta' tali att terroristiku jew li jappoġġjaw grupp terroristiku kif stabbilit fid-Direttiva (2017/XXX) dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkorrispondi għall-Premessa 31a ġdida. Iż-żewġ emendi jirreferu għad-deċiżjoni C-573/14 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li tinterpreta t-tħejjija ta' att terroristiku jew l-appoġġ ta' netwerk terroristiku bħala raġuni għal esklużjoni tal-istatus ta' rifuġjat jew persuna taħt protezzjoni sussidjarja.

Emenda 484
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu	(b) ***l-ippjanar ta', l-inċitament jew il-kontribuzzjoni għal jew it-twettiq ta'*** atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-

b'objettiv allegatament politiku.	vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku ***jew reliġjuż***.

Or. en

Emenda 485
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***atti terroristiċi, li huma karatterizzati mill-vjolenza tagħhom lejn popolazzjonijiet ċivili, anke jekk jitwettqu b'objettiv allegatament politiku.***	(b) ***kundanna mill-Qrati ta' Stat Membru bl-akkuża ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku; jew***

Or. en

Emenda 486
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) reati serji kontra awtodeterminazzjoni sesswali, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru, bħal stupru jew stupru fid-dritt kriminali.

Or. en

Emenda 487
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) sħubija fit-tmexxija ta' grupp terroristiku.

Or. en

Emenda 488
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-esklużjoni ta' persuna minn status ta' rifuġjat għandha tiddependi esklussivament fuq jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (1) sa (5) u m'għandhiex tkun soġġetta għal kwalunkwe valutazzjoni ta' proporzjonalità addizzjonali fir-rigward tal-każ partikolari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 489
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-esklużjoni ta' persuna minn status ta' rifuġjat għandha tiddependi esklussivament fuq jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (1) sa (5) u m'għandhiex tkun soġġetta għal kwalunkwe valutazzjoni ta' proporzjonalità addizzjonali fir-rigward	***imħassar***

tal-każ partikolari.

Or. en

Emenda 490
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-esklużjoni ta' persuna minn status ta' rifuġjat għandha tiddependi esklussivament fuq jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (1) sa (5) u m'għandhiex tkun soġġetta għal kwalunkwe valutazzjoni ta' proporzjonalità addizzjonali fir-rigward tal-każ partikolari.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The shadow rapporteur agrees with the rapporteur's assessment that "the Commission's proposed text in Article 12(6) is terribly confusing insofar as it refers to case law. The principle of proportionality is a general principle of Union law. The CJEU, in its case-law, has stated that whether someone is refused refugee status on the grounds laid down in Article 12 depends on an assessment of the "seriousness of the acts committed", which in turn requires taking account of "all the circumstances surrounding the acts in question and the situation of that person". This inevitably requires a proportionality test. The Commission proposal is misleading in that regard and should be deleted."

Emenda 491
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*E**menda***
Revoka ta'***, tmiem ta' jew rifjut għat-tiġdid ta'*** status ta' rifuġjat	***L-irtirar*** ta' status ta' rifuġjat

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Emenda 492
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha*** tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat meta:	1. L-awtorità determinanti ***tista'*** tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat meta:

Or. it

Emenda 493
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, ***inkluż l-użu ta' dokumenti foloz,*** kienu deċiżivi għall-għoti tal-istat ta' rifuġjat;	(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom ***rilevanti għall-merti tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istat ta' rifuġjat;

Or. en

Emenda 494
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istat ta' rifuġjat;***	(c) ***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Treaties prescribe that the European common policy on asylum be in accordance with the Geneva Convention relating to the status of refugees and other relevant treaties (see, among others, Article 18 of the EU Charter of Fundamental Rights, which states that "the right to asylum shall be guaranteed with due respect for the rules of the Geneva Convention"). The grounds on which refugee status may be ended (the so-called "cessation clauses") are set out in an exhaustive list in Article 1(C) of the Geneva Convention. The fact that such list is exhaustive implies that EU secondary law cannot provide further grounds for revocation of the refugee status: doing so violates the Geneva Convention and, by extension, EU primary law, notably Article 18 of the Charter, Article 78 (1) TFEU as well as the general principles of EU law under Article 6(3) TEU. Accordingly, Articles 14 (1) (d) and (e) to the new Commission proposal (which correspond to Article 14 (4) (b) and (c) of the 2011 Qualifications Directive) as well as Article 14 (1) (f) (introduced by the Commission proposal) transform the exceptions to the principle of non refoulement of Article 33(2) of the Geneva Convention into facultative grounds for revoking, ending or refusing to renew refugee status, broadening the list of cessation grounds beyond what ought to be lawful under the Geneva Convention.

Emenda 495
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 496
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Treaties prescribe that the European common policy on asylum be in accordance with the Geneva Convention relating to the status of refugees and other relevant treaties (see, among others, Article 18 of the EU Charter of Fundamental Rights, which states that "the right to asylum shall be guaranteed with due respect for the rules of the Geneva Convention"). The grounds on which refugee status may be ended (the so-called "cessation clauses") are set out in an exhaustive list in Article 1(C) of the Geneva Convention. The fact that such list is exhaustive implies that EU secondary law cannot provide further grounds for revocation of the refugee status: doing so violates the Geneva Convention and, by extension, EU primary law, notably Article 18 of the Charter, Article 78 (1) TFEU as well as the general principles of EU law under Article 6(3) TEU. Accordingly, Articles 14 (1) (d) and (e) to the new Commission proposal (which correspond to Article 14 (4) (b) and (c) of the 2011 Qualifications Directive) as well as Article 14 (1) (f) (introduced by the Commission proposal) transform the exceptions to the principle of non refoulement of Article 33(2) of the Geneva Convention into facultative grounds for revoking, ending or refusing to renew refugee status, broadening the list of cessation grounds beyond what ought to be lawful under the Geneva Convention.

Emenda 497
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà	(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti**,**

tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;	***abbażi ta' sentenza finali li tikkundannaha għal reat serju partikolari***;

Or. en

Emenda 498
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;	(d) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà ***pubblika u s-sigurtà individwali taċ-ċittadini*** tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tiċċara li jekk l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom raġunijiet raġonevoli li persuna titqies ta' periklu għaċ-ċittadini individwali, din tista' titqies ukoll bħala raġuni biex jiġi revokat, mitmum jew imġedded l-istatus ta' rifuġjat.

Emenda 499
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità tal-Istat Membru li fih hija preżenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 500
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità tal-Istat Membru li fih hija preżenti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Treaties prescribe that the European common policy on asylum be in accordance with the Geneva Convention relating to the status of refugees and other relevant treaties (see, among others, Article 18 of the EU Charter of Fundamental Rights, which states that "the right to asylum shall be guaranteed with due respect for the rules of the Geneva Convention"). The grounds on which refugee status may be ended (the so-called "cessation clauses") are set out in an exhaustive list in Article 1(C) of the Geneva Convention. The fact that such list is exhaustive implies that EU secondary law cannot provide further grounds for revocation of the refugee status: doing so violates the Geneva Convention and, by extension, EU primary law, notably Article 18 of the Charter, Article 78 (1) TFEU as well as the general principles of EU law under Article 6(3) TEU. Accordingly, Articles 14 (1) (d) and (e) to the new Commission proposal (which correspond to Article 14 (4) (b) and (c) of the 2011 Qualifications Directive) as well as Article 14 (1) (f) (introduced by the Commission proposal) transform the exceptions to the principle of non refoulement of Article 33(2) of the Geneva Convention into facultative grounds for revoking, ending or refusing to renew refugee status, broadening the list of cessation grounds beyond what ought to be lawful under the Geneva Convention.

Emenda 501
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità tal-Istat Membru li fih hija preżenti;		***imħassar***

Or. en

Emenda 502
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Emil Radev, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità tal-Istat Membru li fih hija preżenti;	(e) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju ***b'referenza għar-reati elenkati fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI***, tikkostitwixxi periklu għall-komunità tal-Istat Membru li fih hija preżenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher rilevanti li tiġi stabbilita referenza ġuridika komuni għal dak li għandu jitqies bħala "reat serju partikolari", filwaqt li titqies l-interpretazzjoni differenti prevista fil-liġijiet kriminali nazzjonali. Din ir-referenza hija partikolarment meħtieġa minħabba l-passaġġ minn Direttiva għal Regolament.

Emenda 503
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 504
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 505
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istess ġustifikazzjoni bħall-Artikolu 23(2).

Emenda 506
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) hija taħrab barra mill-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru ospitanti tagħha

Or. en

Emenda 507
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti tista' tiddeċiedi li ma tagħtix status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir imressaq għall-konsistenza ma' emendi preċedenti.

Emenda 508
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti tista' tiddeċiedi li ma tagħtix status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.	***imħassar***

Or. en

Emenda 509
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti ***tista' tiddeċiedi li ma tagħtix*** status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.	2. F'sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti ***ma għandhiex tagħti*** status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.

Or. en

Emenda 510
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'sitwazzjonijiet imsemmija ***fil-punti*** (d) ***sa (f)*** tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti tista' tiddeċiedi li ma tagħtix status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.	2. F'sitwazzjonijiet imsemmija ***fil-punt*** (d) tal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti tista' tiddeċiedi li ma tagħtix status lil rifuġjat, fejn din id-deċiżjoni tkun għadha ma tteħditx.

Or. en

Emenda 511
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Persuni li għalihom japplikaw il-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati għal drittijiet stabbiliti jew simili għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra sa fejn huma preżenti fl-Istat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 512
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Persuni li għalihom japplikaw il-punti (d) sa (f) tal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati għal drittijiet stabbiliti jew simili għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra sa fejn huma preżenti fl-Istat Membru.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir imressaq għall-konsistenza ma' emendi preċedenti.

Emenda 513
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Persuni li għalihom japplikaw ***il-punti*** (d) ***sa (f)*** tal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati għal drittijiet stabbiliti jew simili għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra sa fejn huma preżenti fl-Istat Membru.	Persuni li għalihom japplikaw ***il-punt*** (d) tal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati għal drittijiet stabbiliti jew simili għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra sa fejn huma preżenti fl-Istat Membru.

Or. en

Emenda 514
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Mingħajr preġudizzju għad-dmir tar-rifuġjat skont l-Artikolu 4(1) li jiżvela l-fatti rilevanti kollha u jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu,*** l-awtorità determinanti, li tkun tat l-istatus ta' rifuġjat għandha, fuq bażi individwali, turi li l-persuna interessata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet rifuġjat għar-raġunijiet dikjarati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.	4. L-awtorità determinanti, li tkun tat l-istatus ta' rifuġjat għandha, fuq bażi individwali, turi li l-persuna interessata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet rifuġjat għar-raġunijiet dikjarati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mressqa għall-konsistenza ma' emendi preċedenti għall-Artikolu 4 §1

Emenda 515
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur biss*** wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, ***sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali***.	5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***xahar*** wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, ***sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor***.

Or. en

Emenda 516
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur biss*** wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw ***l-opportunità li*** japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***immedjatament*** wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni***. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu**, **f'każijiet speċifiċi u argumentati sewwa,*** sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw ***3 xhur addizzjonali sabiex*** japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 517
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ tliet xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ tliet xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra***, speċjalment dawk relatati max-xogħol,*** f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 518
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet*** xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***disa'*** xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 519
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Emil Radev, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li ***tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded*** status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur*** biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li ***tirtira*** status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***xahar*** biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 520
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti ***li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded*** status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet*** xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	5. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti ***tirtira*** status ta' rifuġjat skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ***disa'*** xhur biss wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istat Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-perjodu ta' konċessjoni ta' 3 xhur mhuwiex realistiku għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li l-istatus tagħhom huwa rtirat b'mod mhux mistenni sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni b'suċċess, minħabba d-diffikultajiet magħrufa sew biex jinkisbu d-dokumentazzjoni u d-deċiżjonijiet meħtieġa (jiġifieri sponsorizzazzjoni, reklutaġġ, ammissjoni, rabtiet tal-familja ppruvati). B'kuntrast, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva 2016/801 tagħti lill-istudenti u lir-riċerkaturi internazzjonali minimu ta' 9 xhur biex isibu impjieg jew impjieg indipendenti wara t-tmiem tant mistenni tal-istudji jew ir-riċerka tagħhom (Artikolu 25).

Emenda 521
Barbara Spinelli, Cornelia Ernst

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 15	***imħassar***

Ir-rieżami ta' status ta' rifuġjat

Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:

(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant;

(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed review of refugee status is a resource-consuming bureaucratic step that some Member States have not seen the purpose or need in practice to introduce. For example, France in 2016 replaced its yearly permit renewal system—with similarities to this proposal—with multiannual permits because this systematic status review was useless in 99% of cases (only 7654 refusals for 795.220 renewal requests). The previous system was found to be ineffective for fighting fraud and irregularity and counter-productive for integration outcomes.

Sources:

Matthias Fekl (May 2013) "Sécuriser les parcours des ressortissants étrangers en France", pageS 12-14

http://www.ladocumentationfrancaise.fr/var/storage/rapports-publics/134000283.pdf

Emenda 522
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti ***għandha*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat***, b'mod partikolari***:	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), ***u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-benefiċjajru ta' protezzjoni internazzjonali li jappella kontra deċiżjoni tal-awtorità determinanti f'konformità mal-Artikoli 14 sa 17 tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċeduri],*** l-awtorità determinanti ***tista', fejn meħtieġ u proporzjonali ma' u fid-dawl tać-ċirkostanzi individwali tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali,*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat:

Or. en

Emenda 523
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti ***għandha*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari***:***	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti ***tista'*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari ***fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant.***

Or. it

Emenda 524
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1)***, l-awtorità determinanti għandha teżamina*** mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:	***L-awtoritajiet determinanti tal-Istat Membru jistgħu jirrevedu l-istatus ta' rifuġjat fi kwalunkwe ħin meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex iqisu li*** l-Artikolu 14(1) ***jista' japplika. Huma għandhom jeżaminaw*** mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex japplikaw l-Artikolu 14(1), l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jeżaminaw mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat fi kwalunkwe ħin u anke meta l-Artikolu 15(1)(a) u (b) ma japplikax f'dan il-mument speċifiku.

Emenda 525
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat ***fuq bażi regolari u***, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 526
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari ***fejn*** :

Or. en

Emenda 527
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti ***għandha*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 14(1), l-awtorità determinanti ***tista'*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' rifuġjat, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 528
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,	***imħassar***

Or. it

Emenda 529
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant;	***imħassar***

Or. en

Emenda 530
Anna Maria Corazza Bildt

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant;	(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant***, filwaqt li jitqies il-livell ta' integrazzjoni tal-applikant u l-istabbiliment ta' rabtiet fil-pajjiż ospitanti***;

Or. en

Emenda 531
Gérard Deprez, Louis Michel

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni ***tal-applikant***;	(a) fejn l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni ***tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali***;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Skont id-definizzjonijiet ta' dan ir-Regolament: benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huwa persuna li ngħatat status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja u applikant huwa kull ċittadin ta' pajjiż terz jew kull persuna mingħajr Stat li ressqet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali.

Emenda 532
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***fejn*** l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni	(a) l-informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] tindika bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni

tal-applikant;	tal-applikant;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reviżjoni tal-istatus ta' rifuġjat fil-mument tar-reviżjoni tal-permess ta' residenza tesiġi l-użu ta' ħafna riżorsi kbar għall-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri. Madankollu, l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati li jirrevedu l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali meta l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tosserva bidla rilevanti sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini tar-rifuġjat.

Emenda 533
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.	***imħassar***

Or. it

Emenda 534
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 535
Jean Lambert

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 536
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reviżjoni tal-istatus ta' rifuġjat fil-mument tar-reviżjoni tal-permess ta' residenza tesiġi l-użu ta' ħafna riżorsi kbar għall-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri. Madankollu, l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati li jirrevedu l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali meta l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tosserva bidla rilevanti sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini tar-rifuġjat.

Emenda 537
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel	(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel

darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.	darba ***u għat-tieni darba***, il-permess ta' residenza maħruġ lil rifuġjat.

Or. en

Emenda 538
Anna Maria Corazza Bildt

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-minorenni mhux akkumpanjati, diment li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom u li jiġi determinat li huma mhux se jkun esposti għal dannu serju malli jirritornaw fil-pajjiż terz ta' oriġini.

Or. en

Emenda 539
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dannu serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(5), jikkonsisti:	Dannu serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(5), jikkonsisti ***biss***:

Or. en

Emenda 540
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-piena kapitali jew l-eżekuzzjoni; jew	(a) mill-piena kapitali jew l-eżekuzzjoni ***fil-pajjiż ta' oriġini***; jew

Or. en

Emenda 541
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mit-tortura ***jew it-trattament inuman jew degradanti jew il-kastig*** ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew	(b) mit-tortura ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trattament inuman jew degradanti huwa ambigwu wisq u kastig huwa ġenerali wisq.

Emenda 542
Gérard Deprez, Louis Michel

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mit-tortura jew ***it-trattament inuman*** jew degradanti ***jew il-kastig*** ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew	(b) mit-tortura jew ***kastigi*** jew ***trattamenti oħra inumani jew*** degradanti ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Referenza għat-testi tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 4 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 543
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mit-tortura jew it-trattament inuman jew ***degradanti jew*** il-kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew	(b) mit-tortura jew it-trattament inuman jew il-kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

Or. en

Emenda 544
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) minn theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.	***imħassar***

Or. en

Emenda 545
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) minn theddida serja ***u individwali*** għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern**.**	(c) minn theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern***; theddid serju jenħtieġ li jinkludi theddid abbażi ta' grupp bħal kunflitt armat intern jew internazzjonali jew***

sitwazzjonijiet oħra ta' vjolenza u ta' ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, okkupazzjoni militari inkluż inkwiet ċivili, insigurtà mifruxa jew avvenimenti li jfixklu serjament l-ordni pubbliku; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

The CJUE case "Elgafaji interpretation of the indiscriminate violence requirement needs to be reconciled with the case-law of the European Court of Human Rights on Article 3 ECHR, mirrored in the ground foreseen in Article 16(b). The Grand Chamber of the Strasbourg Court has firmly stated that "in the most extreme cases" where a person would face a real risk of ill-treatment simply by virtue of being present on the territory, Article 3 ECHR would be triggered. Accordingly, Article 16(b), which must reflect Article 3 ECHR, applies to all cases where the Article 3 ECHR test applies, and also covers extreme situations whereby violence is of such degree as to put any person present on the territory at risk.

Based on the principle of effet utile, the content and meaning of Article 16(c) must differ from that of Article 16(b). Accordingly, the protection of Article 16(c) would apply to asylum seekers who face a real risk of serious harm stemming from indiscriminate violence, which need not be as high as to trigger Article 3 ECHR – and thereby to fall under Article 16(b). The Qualification Regulation should reflect the dialogue between the Strasbourg and Luxembourg Courts, since both courts' interpretation of fundamental rights should inform the EU asylum acquis. In the light of ECtHR case law, Article 16(c) should extend subsidiary protection to serious threats stemming from indiscriminate violence, yet of lower intensity than that contemplated in Sufi and Elmi v. United Kingdom or J.K. v. Sweden."

Emenda 546
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) minn theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern**.**	(c) minn theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern***, jew***

Or. it

Emenda 547
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) minn theddida serja ***u individwali*** għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern**.**	(c) minn theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern***, jew***

Or. en

Emenda 548
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) minn theddida serja ***u individwali*** għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.	(c) minn theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza mingħajr distinzjoni f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija konformi mad-deċiżjoni tal-QtĠ-UE fil-każ ta' Elgafaji, li tikkjarifika li vjolenza indiskriminata mhux bilfors tirrikjedi li t-theddida tkun ta' natura individwali sabiex persuna li tkun soġġetta għal vjolenza indiskriminata tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja.

Emenda 549
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) theddida serja għal ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem. Diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem għandhom jinkludu: effetti tat-tibdil fil-klima, ħtif tal-art, ħtif tal-ilma, dežertifikazzjoni tal-ħabitat, villaġġizzazzjoni (villagisation) sfurzata kif ukoll diżastri ambjentali u tniġġis ikkawżat mill-gwerra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rifuġjati ambjentali attwalment mhumiex protetti mid-dritt internazzjonali. Għall-kuntrarju tar-rifuġjati koperti mill-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tal-1951 tan-NU, ir-rifuġjati ambjentali, jekk jintbagħtu lura f'pajjiżhom, imorru lura f'pajjiż meqrud jew jiġu mġiegħa jmorru f'kampijiet ta' rifuġjati. It-tibdil fil-klima mhuwiex biss dwar l-ambjent iżda l-effetti tiegħu jolqtu kull parti tal-ħajja tan-nies: mill-istabbiltà tal-gvernijiet u l-ekonomiji għas-saħħa.

Emenda 550
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) theddida serja għall-ħajja jew għall-persuna ċivili li tirriżulta minn diżastri naturali jew magħmula mill-bniedem.

Or. it

Emenda 551
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Waqfien	
1. A third-country national or a stateless person shall cease to be eligible for subsidiary protection when the circumstances which led to the granting of subsidiary protection status have ceased to exist or have changed to such a degree that protection is no longer required.	
2. L-awtorità determinanti:	
(a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja b'tali mod li l-persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja m'għadhiex tiffaċċja riskju reali ta' dannu serju;	
(b) għandha tibbaża ruħha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] kif ukoll informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.	
3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jista' jinvoka raġunijiet konvinċenti li jirriżultaw minn dannu serju preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, bħala persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.	

Or. en

Emenda 552
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tieqaf milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja jkunu waqfu milli jeżistu jew ikunu nbiddlu sat-tali punt li l-protezzjoni ma tkunx għadha meħtieġa.	1. ***Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jappella kontra deċiżjoni tal-awtorità determinanti f'konformità mal-Artikoli 14 sa 17 tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċeduri],*** ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tieqaf milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja jkunu waqfu milli jeżistu jew ikunu nbiddlu sat-tali punt li l-protezzjoni ma tkunx għadha meħtieġa.

Or. en

Emenda 553
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li rifjut kontinwu għal integrazzjoni attiva minn naħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ikkwalifikata għal protezzjoni sussidjarja jista', bħala l-aħħar alternattiva, iwassal għall-waqfien tal-eliġibbiltà għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 554
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti ***u mhux temporanja*** b'tali mod li l-persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja m'għadhiex tiffaċċja riskju reali ta' dannu serju;	(a) għandha tqis jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi hijiex ta' natura sinifikanti b'tali mod li l-persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja m'għadhiex tiffaċċja riskju reali ta' dannu serju;

Or. en

Emenda 555
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għandha tibbaża ruħha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] ***kif ukoll informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati***.	(b) għandha tibbaża ruħha fuq informazzjoni preċiża u aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil].

Or. en

Emenda 556
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għandha ***tibbaża ruħha fuq*** informazzjoni ***preċiża u*** aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] kif ukoll informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.	(b) għandha ***tqis*** informazzjoni aġġornata miksuba mis-sorsi rilevanti kollha, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [Ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] kif ukoll informazzjoni u gwida maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.

Or. en

Emenda 557
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jista' jinvoka raġunijiet konvinċenti li jirriżultaw minn dannu serju preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, bħala persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.	***imħassar***

Or. en

Emenda 558
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jista' jinvoka raġunijiet konvinċenti li jirriżultaw minn dannu serju preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, bħala persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.	***imħassar***

Or. en

Emenda 559
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jista' ***jinvoka*** raġunijiet konvinċenti li jirriżultaw minn dannu serju preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, bħala persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.	3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal benefiċjarju ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li jista' ***juri l-eżistenza ta'*** raġunijiet konvinċenti li jirriżultaw minn dannu serju preċedenti talli rrifjuta li jagħmel użu mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, bħala persuna mingħajr stat, tal-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Deroga għall-Artikolu 17(1) jenħtieġ li ssir biss meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja jkun jista' jagħti prova li hemm raġunijiet marbuta mad-dannu serju preċedenti li jaffettwaw id-dritt tiegħu li jkun protett fil-pajjiż ta' nazzjonalità jew, ikun persuna mingħajr stat, fil-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel. Din id-dispożizzjoni tgħin biex jiġu pprevenuti l-abbużi tas-SEKA.

Emenda 560
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ***għandha*** tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:	1. ***Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jappella kontra deċiżjoni tal-awtorità determinanti f'konformità mal-Artikoli 14 sa 17 tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċeduri],*** ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ***tista'*** tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

Or. en

Emenda 561
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:	1. Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta ***hija tkun rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih hija tkun ħadet ir-residenza tagħha bħala li għandha d-drittijiet u l-obbligi li huma marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligi ekwivalenti għalihom, jew meta*** jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

Or. en

Emenda 562
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) hija tkun ikkommettiet delitt serju;	(b) hija tkun ikkommettiet delitt serju ***bħal ippjanar ta', inċitament jew kontribuzzjoni għal jew twettiq ta' att terroristiku, anke jekk jitwettaq b'objettiv allegatament politiku jew reliġjuż jew delitt serju kontra awtodeterminazzjoni sesswali bħall-istupru jew l-istupru fid-dritt kriminali***;

Or. en

Emenda 563
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) hija tkun ikkommettiet delitt serju***;***	(b) hija tkun ikkommettiet delitt serju ***mhux politiku barra mill-pajjiż tar-rifuġju qabel l-ammissjoni tagħha bħala benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tallinja l-klawżola ta' esklużjoni mill-protezzjoni sussidjarja għall-klawżola stabbilita fl-Artikolu 12(2) billi tkun eskluża mill-istatus ta' rifuġjat.

Emenda 564
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) hija tikkostitwixxi periklu għall-komunità jew għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

UNHCR recommended in 2009 that the articles providing for exclusion from and revocation of subsidiary protection should be amended to reflect its proposals on the same articles relating to exclusion from and revocation of refugee status.

More specifically, in this case: "There is a risk that decisions on whether a person poses a danger to the security or

community of a Member State may be taken in proceedings where the concerned

persons are not entitled to see all the evidence against them or to respond effectively,

which increases the possibility of incorrect application of these provisions."

Therefore this deletion is needed for consistency reasons with amendments to Articles 12 and 14 (see justification on amendments to those articles).

See also: UNHCR comments on the European Commission's proposal for a Directive of the

European Parliament and of the Council on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as beneficiaries of international protection and the content of the protection granted

(COM(2009)551, 21 October 2009)

Emenda 565
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) hija, qabel l-ammissjoni tagħha fl-Istat Membru kkonċernat, tkun ikkommettiet delitt wieħed jew aktar barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (a),	***imħassar***

(b) u (c) li kienu jwasslu għal kastig ta' ħabs kieku ġew kommessi fl-Istat Membru kkonċernat, u jekk hija tkun telqet biss mill-pajjiż ta' oriġini tagħha sabiex tevita sanzjonijiet li jirriżultaw minn dawk id-delitti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

UNHCR recommended in 2009 that the articles providing for exclusion from and revocation of subsidiary protection should be amended to reflect its proposals on the same articles relating to exclusion from and revocation of refugee status.

Therefore this deletion is needed for consistency reasons with amendments to Articles 12 and 14 (see justification on amendments to those articles).

See also: UNHCR comments on the European Commission's proposal for a Directive of the

European Parliament and of the Council on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as beneficiaries of international protection and the content of the protection granted

(COM(2009)551, 21 October 2009)

Emenda 566
Traian Ungureanu, Artis Pabriks, Kinga Gál, Pál Csáky, Tomáš Zdechovský, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) hija ppjanat, iffaċilitat jew ipparteċipat fit-twettiq ta' reati terroristiċi.

Or. en

Emenda 567
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) hija taħrab barra mill-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru ospitanti tagħha

Or. en

Emenda 568
Traian Ungureanu, Artis Pabriks, Kinga Gál, Pál Csáky, Tomáš Zdechovský, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) hija tkun ipparteċipat fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku, inkluż billi tipprovdi informazzjoni jew riżorsi materjali, jew billi tiffinanzja bi kwalunkwe mod l-attivitajiet tiegħu.

Or. en

Emenda 569
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 japplikaw għal persuni li jinċitaw jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

UNHCR recommended in 2009 that the articles providing for exclusion from and revocation of subsidiary protection should be amended to reflect their proposals on the same articles relating to exclusion from and revocation of refugee status.

Therefore this deletion is needed for consistency reasons with the amendment to Article 12 (3) (see justification of that amendment).

See also: UNHCR comments on the European Commission's proposal for a Directive of the

European Parliament and of the Council on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as beneficiaries of international protection and the content of the protection granted

(COM(2009)551, 21 October 2009)

Emenda 570
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 japplikaw għal persuni li jinċitaw jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih.	2. Il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 ***jistgħu*** japplikaw għal persuni li jinċitaw jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew l-atti msemmija fih.

Or. en

Emenda 571
Anna Maria Corazza Bildt

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta l-applikant ikun minorenni, il-klawżoli ta' esklużjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss jekk il-minorenni jkunu laħqu l-limitu tal-

età nazzjonali għal responsabbiltà kriminali skont il-liġi nazzjonali, u fi kwalunkwe każ, l-applikanti minorenni għandhom jirċievu l-istess salvagwardji proċedurali bħall-minorenni nazzjonali. Il-valutazzjoni tar-raġunijiet tal-esklużjoni għandha tqis ir-regoli u l-prinċipji li jindirizzaw l-istatus, id-drittijiet u l-protezzjoni speċjali mogħtija lit-tfal skont il-liġi internazzjonali u nazzjonali fl-istadji kollha tal-proċedura tal-asil; hija għandha tqis ukoll il-gravità tar-reat kontra r-riskju ta' dannu serju li għalih huma jkunu esposti malli jirritornaw fil-pajjiż terz ta' oriġini.

Or. en

Emenda 572
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-esklużjoni ta' persuna minn status ta' protezzjoni sussidjarja għandha tiddependi esklussivament fuq jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (1) u (2) u m'għandhiex tkun soġġetta għal kwalunkwe valutazzjoni ta' proporzjonalità addizzjonali fir-rigward tal-każ partikolari.

Or. en

Emenda 573
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-klawżoli ta' esklużjoni tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għall-minorenni.

Or. en

Emenda 574
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-persuni kollha affettwati mir-raġunijiet ta' esklużjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom aċċess għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 575
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 19	***imħassar***
Għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja	
L-awtorità determinanti għandha tagħti status ta' protezzjoni sussidjarja lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-Kapitoli II u V.	

Or. en

Emenda 576
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tagħti status ta' protezzjoni sussidjarja lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-Kapitoli II u V.	***imħassar***

Or. en

Emenda 577
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Revoka ta'***, tmiem ta' jew rifjut għat-tiġdid ta'*** status ta' protezzjoni sussidjarja	***L-irtirar*** ta' status ta' protezzjoni sussidjarja

Or. en

Ġustifikazzjoni

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Emenda 578
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-awtorità determinanti ***għandha*** tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, fejn:	1. L-awtorità determinanti ***tista'*** tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, fejn:

Or. it

Emenda 579
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***għandha*** tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, fejn:	1. L-awtorità determinanti ***tista'*** tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, fejn:

Or. en

Emenda 580
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni dwar it-tħassir tal-Artikolu 14(1)c.

Emenda 581
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom***, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz,*** kienu deċiżivi għall-għoti tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja;	(c) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom ***rilevanti għall-merti tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali*** kienu deċiżivi għall-għoti tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja;

Or. en

Emenda 582
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 583
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 23(2).

Emenda 584
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-Artikolu 23(2) jiġi applikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 585
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Mingħajr preġudizzju għad-dmir tać-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat skont l-Artikolu 4(1) li tiżvela l-fatti rilevanti kollha u li tipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tagħha,*** l-Istat Membru, li jkun ta l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandu, fuq bażi individwali, juri li l-persuna kkonċernata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.	2. L-Istat Membru, li jkun ta l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandu, fuq bażi individwali, juri li l-persuna kkonċernata tkun waqfet milli tkun jew qatt ma kienet eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mressqa għall-konsistenza ma' emendi preċedenti għall-Artikolu 4 §1

Emenda 586
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur*** biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, ***sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali***.	3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***xahar*** biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, ***sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor***.

Or. en

Emenda 587
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur biss*** wara li tkun ***ittieħdet id-deċiżjoni***, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ***jingħataw l-opportunità li*** japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali**.**	3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***immedjatament*** wara li tkun ***ġiet adottata d-deċiżjoni. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu***, ***f'każijiet speċifiċi u argumentati sew,*** sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ***bi 3 xhur addizzjonali*** japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali

Or. en

Emenda 588
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur*** biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***xahar*** biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra***, speċjalment dawk relatati max-xogħol,*** f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 589
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet*** xhur biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***disa'*** xhur biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 590
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Emil Radev, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li ***tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded*** status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet xhur*** biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li ***tirtira*** status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***xahar*** biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 591
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li ***tirrevoka, ittemm jew tirrifjuta li ġġedded*** status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***tliet*** xhur biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.	3. Deċiżjonijiet tal-awtorità determinanti li ***tirtira*** status ta' protezzjoni sussidjarja skont il-paragrafu 1(a) għandhom jidħlu fis-seħħ ***disa'*** xhur biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat jingħataw l-opportunità li japplikaw għal residenza fl-Istati Membru għal raġunijiet oħra f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-perjodu ta' konċessjoni ta' 3 xhur mhuwiex realistiku għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li l-istatus tagħhom huwa rtirat b'mod mhux mistenni sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni b'suċċess, minħabba d-diffikultajiet magħrufa sew biex jinkisbu d-dokumentazzjoni u d-deċiżjonijiet meħtieġa (jiġifieri sponsorizzazzjoni, reklutaġġ, ammissjoni, rabtiet tal-familja ppruvati). B'kuntrast, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva 2016/801 tagħti lill-istudenti u lir-riċerkaturi internazzjonali minimu ta' 9 xhur biex isibu impjieg jew impjieg indipendenti wara t-tmiem tant mistenni tal-istudji jew ir-riċerka tagħhom (Artikolu 25).

Emenda 592
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Ir-rieżami ta' status ta' protezzjoni sussidjarja	
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:	
(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,	
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel u t-tieni darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed review of refugee status is a resource-consuming bureaucratic step that some Member States have not seen the purpose or need in practice to introduce. For example, France in 2016 replaced its yearly permit renewal system—with similarities to this proposal—with multiannual permits because this systematic status review was useless in 99% of cases (only 7654 refusals for 795.220 renewal requests). The previous system was found to be ineffective for fighting fraud and irregularity and counter-productive for integration outcomes.

Sources:

Matthias Fekl (May 2013) "Sécuriser les parcours des ressortissants étrangers en France", pageS 12-14

http://www.ladocumentationfrancaise.fr/var/storage/rapports-publics/134000283.pdf

Emenda 593
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti ***għandha*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja***, b'mod partikolari:***	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), ***u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja li jappella kontra deċiżjoni tal-awtorità determinanti f'konformità mal-Artikoli 14 sa 17 tar-Regolament (UE)XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċeduri],*** l-awtorità determinanti ***tista', fejn meħtieġ u proporzjonali ma' u fid-dawl tać-ċirkostanzi individwali tal-benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja,*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja**.**

Or. en

Emenda 594
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti ***għandha*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari***:***	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti ***tista'*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari ***fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant.***

Or. it

Emenda 595
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1)***, l-awtorità determinanti għandha teżamina*** mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:	***L-awtoritajiet determinanti tal-Istat Membru jistgħu jeżaminaw mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja fi kwalunkwe ħin meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex iqisu li*** l-Artikolu 20(1) ***jista' japplika. Huma għandhom jeżaminaw*** mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex japplikaw l-Artikolu 20(1), l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jeżaminaw mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja fi kwalunkwe ħin u anke meta l-Artikolu 21(1)(a) u (b) ma japplikax f'dan il-mument speċifiku.

Emenda 596
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti għandha teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari ***fejn***:

Or. en

Emenda 597
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti ***għandha*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:	Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 20(1), l-awtorità determinanti ***tista'*** teżamina mill-ġdid l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 598
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10	***imħassar***

tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,

Or. it

Emenda 599
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,	***imħassar***

Or. en

Emenda 600
Gérard Deprez, Louis Michel

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-	(a) fejn l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-

Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni ***tal-applikant,***	Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni ***tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Skont id-definizzjonijiet ta' dan ir-Regolament: benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huwa persuna li ngħatat status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja u applikant huwa kull ċittadin ta' pajjiż terz jew kull persuna mingħajr Stat li ressqet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali.

Emenda 601
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***fejn*** l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,	(a) l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini fil-livell tal-Unjoni u l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jindikaw bidla sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini li tkun rilevanti għall-bżonnijiet tal-protezzjoni tal-applikant,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reviżjoni tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja fil-mument tar-reviżjoni tal-permess ta' residenza tesiġi l-użu ta' ħafna riżorsi kbar għall-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri. Madankollu, l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati li jirrevedu l-istatus meta l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tosserva bidla rilevanti sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini tal-benefiċjarju.

Emenda 602
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel u t-tieni darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.	***imħassar***

Or. it

Emenda 603
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel u t-tieni darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 604
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel u t-tieni darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni	***imħassar***

sussidjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reviżjoni tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja fil-mument tar-reviżjoni tal-permess ta' residenza jesiġi l-użu ta' ħafna riżorsi kbar għall-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri. Madankollu, l-awtoritajiet determinanti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati li jirrevedu l-istatus meta l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil tosserva bidla rilevanti sinifikanti fil-pajjiż ta' oriġini tal-benefiċjarju.

Emenda 605
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel u ***t-tieni*** darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.	(b) meta jiġi mġedded, għall-ewwel***, it-tieni*** u ***t-tielet*** darba, il-permess ta' residenza maħruġ lil benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja.

Or. en

Emenda 606
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-rifuġjati ***u l-persuni li jkunu ngħataw l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja*** għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.	1. Ir-rifuġjati għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

Or. en

Emenda 607
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Ir-rifuġjati u l-persuni li jkunu ngħataw l-istatus*** ta' protezzjoni ***sussidjarja*** għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. ***Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.***	1. ***Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni*** ta' ***Ġinevra, il-benefiċjarji ta'*** protezzjoni ***internazzjonali*** għandu jkollhom id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Or. en

Emenda 608
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fi ħdan il-limiti stabbiliti mill-obbligi internazzjonali, l-għoti ta' benefiċċji fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi u s-sigurtà soċjali għandu jirrikjedi l-ħruġ minn qabel ta' permess ta' residenza.	***imħassar***

Or. en

Emenda 609
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Fi ħdan il-limiti stabbiliti mill-obbligi internazzjonali, l-għoti ta' benefiċċji fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi u s-sigurtà soċjali għandu jirrikjedi l-ħruġ minn qabel ta' permess ta' residenza.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

§95 of the CJUE ruling C-373/13 states that "even without his residence permit, the person concerned remains a refugee and as such remains entitled to the benefits guaranteed by Chapter VII [Content of International Protection] of that [2004 Qualifications] directive to every refugee, including protection from refoulement, maintenance of family unity, the right to travel documents, access to employment, education, social welfare, healthcare and accommodation, freedom of movement within the Member State and access to integration facilities" and "In other words, a Member State has no discretion as to whether to continue to grant or to refuse to that refugee the substantive benefits guaranteed by the directive". Even though the aforementioned CJUE case concerns the revocation of a residence permit, the implications logically apply also to those who have been granted international protection and have yet to receive a residence permit.

Emenda 610
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, ***bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri li jrabbu waħedhom bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar tal-bniedem, persuni b'mard mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom oħra serji*** ta' ***vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali,*** sakemm evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom tistabbilixxi li għandhom bżonnijiet	4. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, ***skont it-tifsira tal-ħtieġa*** ta' ***garanziji speċjali biex jibbenefikaw mid-drittijiet u jikkonformaw mal-obbligi previsti hawnhekk***, sakemm evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom tistabbilixxi li għandhom bżonnijiet speċjali.

speċjali.

Or. en

Emenda 611
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri li jrabbu waħedhom bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar tal-bniedem, persuni b'mard mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali***, sakemm evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom tistabbilixxi li għandhom bżonnijiet speċjali***.	4. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri li jrabbu waħedhom bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar tal-bniedem, persuni b'mard mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Or. en

Emenda 612
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati,	Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati,

persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri li jrabbu waħedhom bi tfal ***minorenni***, vittmi tat-traffikar tal-bniedem, persuni b'mard mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, sakemm evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom tistabbilixxi li għandhom bżonnijiet speċjali.	persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri li jrabbu waħedhom bi tfal, vittmi tat-traffikar tal-bniedem, persuni b'mard mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, sakemm evalwazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom tistabbilixxi li għandhom bżonnijiet speċjali.

Or. en

Emenda 613
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan ***il-Kapitolu*** li jinvolvu l-minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet rilevanti.	5. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan ***ir-Regolament*** li jinvolvu l-minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet rilevanti.

Or. it

Emenda 614
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ***jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li jinvolvu l-minorenni***, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja ***għall-awtoritajiet rilevanti***.	Meta ***jiġi applikat dan ir-Regolament***, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja ***għall-Istati Membri***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ix-shadow rapporteur jaqbel mar-rapporteur li r-referenza għall-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja jenħtieġ li tkopri r-Regolament kollu, u mhux biss id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII kif iddikjarat fl-artikolu.

Emenda 615
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, József Nagy, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li jinvolvu l-minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu ***kunsiderazzjoni*** primarja għall-awtoritajiet rilevanti.	5. Meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li jinvolvu l-minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu ***l-kunsiderazzjoni*** primarja għall-awtoritajiet rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-aħjar interessi tat-tfal jenħtieġ li jkunu t-tħassib ewlieni u mhux tħassib wieħed fost oħrajn li għandhom jitqiesu meta jiġi applikat dan ir-Regolament.

Emenda 616
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[45] Regolament (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1).	[45] Regolament (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1).

Or. it

Emenda 686
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas ***sena***.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas ***ħames snin***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi proposti għat-tul tal-permessi ta' residenza mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li tiġi estiża wkoll. Il-perjodu ta' validità ta' dawn id-dokumenti jenħtieġ li jqis perjodi standard ta' validità għal dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri.

Emenda 687

Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas ***sena***.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas ***ħames snin***.

Or. en

Emenda 688
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. 2252/2004. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas ***sena***.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu dokumenti tal-ivvjaġġar bil-karatteristiċi minimi ta' sigurtà u l-bijometriċi deskritti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 lill-benefiċjarji tal-istatus tal-protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jiksbu passaport nazzjonali. 2252/2004. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu validi għal tal-inqas ***ħames snin***.

Or. it

Emenda 689
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jinħarġu fejn raġunijiet konvinċenti ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jitolbu dan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 690
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jinħarġu fejn raġunijiet konvinċenti ta' sigurtà nazzjonali ***jew ordni pubbliku*** jitolbu dan.	3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jinħarġu fejn raġunijiet konvinċenti ta' sigurtà nazzjonali jitolbu dan.

Or. en

Emenda 691
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-Direttiva 2003/86/KE għandha tapplika għall-membri tal-familja ta' persuni bi protezzjoni sussidjarja, bl-istess mod kif dik id-Direttiva tapplika għall-membri tal-familja tar-rifuġjati

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura riunifikazzjoni tal-familja għall-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja fl-istess pożizzjoni bħar-riunifikazzjoni tal-familja għall-persuni bi status ta' rifuġjat, sabiex tiġi megħjuna l-integrazzjoni u tiġi żgurata l-ħajja tal-familja tal-persuni kkonċernati, filwaqt li ż-żewġ gruppi jiġu ttrattati b'mod ugwali f'konformità mal-maġġoranza tal-leġiżlazzjoni tas-SEKA.

It-teknika ta' abbozzar li jingħataw drittijiet dwar il-membri tal-familja billi ssir referenza għad-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja, iżda li ma temendahiex direttament, tintuża wkoll fid-Direttiva dwar il-Karta Blu, id-Direttiva tal-ICT u d-Direttiva dwar ir-riċerkaturi/l-istudenti.

Emenda 692
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu mil-libertà ta' moviment fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, inkluż id-dritt li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom f'dak it-territorju, taħt l-istess kundizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawk provduti għal ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment fit-territorji tagħhom ***li huma f'sitwazzjoni paragunabbli***	1. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu mil-libertà ta' moviment fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, inkluż id-dritt li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom f'dak it-territorju, taħt l-istess kundizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawk provduti għal ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment fit-territorji tagħhom

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar xi tfisser eżatt "ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru li jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli". Il-bidla proposta hija maħsuba li telimina din l-ambigwità u tiżgura akkomodazzjoni adegwata lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Emenda 693
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi ħdan il-limiti stabbiliti minn obbligi internazzjonali, kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jiġu imposti fuq benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jirċievi benefiċċji speċifiċi ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza soċjali biss fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' residenza jkunu meħtieġa biex tiġi faċilitata l-integrazzjoni tal-benefiċjarju fl-Istat Membru li jkun ta dik il-protezzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

As the Meijers Committee rightfully points out: "Joined Cases C-443/14 and

C-444/14), allows for the imposition of a residence condition on international protection beneficiaries who receive social assistance, where such a condition is necessary to facilitate integration. (...) In Alo and Osso, the residence condition imposed by

Germany aimed to prevent the concentration in certain areas of third country nationals as this could lead to the emergence of social tension, but also to ensure availability of integration services. (...)

Crucially, the CJEU in Alo and Osso did not say that a residence condition with the objective of facilitating the integration of third-country nationals in the Member State is always allowed, but that it was for the national judge to verify whether such a condition did not amount to discrimination of subsidiary protection beneficiaries compared to other categories of third country nationals.

In these various ways, the new Article 28(2) oversimplifies and widens the scope of the judgment in Alo and Osso".

Source: http://www.commissie-meijers.nl/sites/all/files/cm1614_comments_.pdf

Emenda 694
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi ħdan il-limiti stabbiliti minn obbligi internazzjonali, kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jiġu imposti fuq benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jirċievi benefiċċji speċifiċi ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza soċjali biss fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' residenza jkunu meħtieġa biex tiġi faċilitata l-integrazzjoni tal-benefiċjarju fl-Istat Membru li jkun ta dik il-protezzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 695
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi ħdan il-limiti stabbiliti minn obbligi internazzjonali, kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jiġu imposti fuq benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jirċievi benefiċċji speċifiċi ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza soċjali ***biss fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' residenza jkunu meħtieġa biex tiġi faċilitata l-integrazzjoni tal-benefiċjarju fl-Istat Membru li jkun ta dik il-protezzjoni***.	2. Fi ħdan il-limiti stabbiliti minn obbligi internazzjonali, kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jiġu imposti fuq benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li jirċievi benefiċċji speċifiċi ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza soċjali.

Or. en

Emenda 696
Barbara Spinelli, Jean Lambert, Cornelia Ernst

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'għandux ikollhom id-dritt li jgħixu fi Stati Membri oħra għajr dak li jkun ta l-protezzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li japplikaw u jkunu ammessi biex jirrisjedu fi Stati Membri oħra skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali u d-dritt tagħhom li jiċċaqalqu b'mod liberu skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassra għall-konsistenza mal-anness dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet tal-asil.

Emenda 697
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'għandux ikollhom id-dritt li jgħixu fi Stati Membri oħra għajr dak li jkun ta l-protezzjoni. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li japplikaw u jkunu ammessi biex jirrisjedu fi Stati Membri oħra skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali u d-dritt tagħhom li jiċċaqalqu b'mod liberu skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.***	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'għandux ikollhom id-dritt li jgħixu fi Stati Membri oħra għajr dak li jkun ta l-protezzjoni.

Or. en

Emenda 698
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'għandux ikollhom id-dritt li jgħixu fi Stati Membri oħra għajr dak li jkun ta l-protezzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li japplikaw u jkunu ammessi biex jirrisjedu fi Stati Membri oħra skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali u d-dritt tagħhom li jiċċaqalqu b'mod liberu skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'għandux ikollhom id-dritt li jgħixu fi Stati Membri oħra għajr dak li jkun ta l-protezzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li japplikaw u jkunu ammessi biex jirrisjedu fi Stati Membri oħra skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali***, inkluża d-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE [1a] jew id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-Kunsill [1b], u*** d-dritt tagħhom li jiċċaqalqu b'mod liberu skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

[1a] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17–29.

[1b] Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21–57.

Or. en

Emenda 699
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun tah il-protezzjoni mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, huwa jkun soġġett għal proċedura ta' teħid lura kif definit skont l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin (UE) Nru xxx/xxx.	***imħassar***

Or. bg

Ġustifikazzjoni

Il-pajjiżi fil-fruntieri esterni tal-UE ma jistgħux jiġu sfurzati jerfgħu responsabbiltà permanenti għall-persuni li jingħataw protezzjoni internazzjonali.

Emenda 700
Barbara Spinelli, Jean Lambert, Cornelia Ernst

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun tah il-protezzjoni mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, huwa jkun soġġett għal proċedura ta' teħid lura kif definit skont l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin (UE) Nru xxx/xxx.	***imħassar***

Or. en

Emenda 701
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun tah il-protezzjoni mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, huwa jkun soġġett għal proċedura ta' teħid lura kif definit skont l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin (UE) Nru xxx/xxx.	2. Meta benefiċjarju jinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun tah il-protezzjoni mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, huwa jkun soġġett għal proċedura ta' teħid lura kif definit skont l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin (UE) Nru xxx/xxx ***bi spejjeż għalih, li jitnaqqsu mill-benefiċċji finanzjarji li jaslu mill-Istat Membru li jagħti l-protezzjoni. Il-persuna soġġetta għal proċedura ta' teħid lura għandha tkun penalizzata wkoll permezz tal-irtirar ta' drittijiet rilevanti fit-Taqsima III għal perjodu ta' żmien limitat.***

Or. en

Emenda 702
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta minorenni mhux akkumpanjat li huwa benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru ieħor għajr dak li jkun tah il-protezzjoni mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, l-Istat Membru fejn il-minorenni jkun preżenti għandu jwettaq minnufih valutazzjoni multidixxiplinarja tal-aħjar interessi tat-tfal sabiex jiġi determinat jekk il-minorenni għandux ikun soġġett għal proċedura ta' teħid lura

kif definit skont l-Artikolu 20(1)(e) tar-Regolament ta' Dublin (UE) Nru xxx/xxx. L-Istat Membru li jittrasferixxi għandu jakkwista garanziji individwali li l-Istat Membru responsabbli skont ir-riżultat tal-valutazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 24 tad-Direttiva 2013/33/UE u l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2013/32/UE mingħajr dewmien.

Il-valutazzjoni multidixxiplinarja għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni;

(c) konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkunu vittmi ta' traffikar tal-bnedmin;

(d) il-fehmiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tagħhom.

Il-valutazzjoni għandha ssir malajr mill-persunal bil-kwalifiki u l-kompetenzi fid-drittijiet tat-tfal sabiex jiġi żgurat li l-aħjar interessi tat-tfal jittieħdu inkunsiderazzjoni, din għandha tinvolvi mill-inqas il-gwardjan u l-konsulent legali jew konsulent u jrid ikun garantit id-dritt tat-tfal li jinstemgħu.

Or. en

Emenda 703
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Kapitolu 7 – taqsima 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Drittijiet relatati mal-integrazzjoni	Drittijiet ***u obbligi*** relatati mal-

integrazzjoni

Or. en

Emenda 704
Lorenzo Fontana

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom id-dritt li ***jieħdu sehem f'attivitajiet*** ta' xogħol bħala impjegati jew ***xogħol*** għal rashom ***soġġett għar-regoli ġeneralment applikabbli għall-professjoni u għas-settur pubbliku, immedjatament wara li tkun ingħatat il-protezzjoni***.	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom id-dritt ***u d-dmir bħaċ-ċittadini kollha residenti fil-pajjiż ospitanti*** li ***jfittxu attività*** ta' xogħol bħala impjegati jew għal rashom.

Or. it

Emenda 705
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ***maċ-ċittadini tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward ta':	2. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ***ma' ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward ta':

Or. en

Emenda 706
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-servizzi ta' parir offruti minn uffiċċji tal-impjiegi.	(d) is-servizzi ta' parir offruti minn uffiċċji tal-impjiegi ***fil-lingwi konswetudinarji ta' tali servizzi fl-Istat Membru kkonċernat***.

Or. en

Emenda 707
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Awtoritajiet kompetenti, ***fejn meħtieġ,*** għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(c) u (d).	3. Awtoritajiet kompetenti, għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(c) u (d).

Or. it

Emenda 708
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Awtoritajiet kompetenti***, fejn meħtieġ,*** għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(c) u (d).	3. Awtoritajiet kompetenti għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(c) u (d).

Or. en

Emenda 709
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minorenni li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess sħiħ għas-sistema tal-edukazzjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet ***bħaċ-ċittadini tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni.	1. Minorenni li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess sħiħ għas-sistema tal-edukazzjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet ***bħal ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni ***Għalkemm l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew id-diskrezzjoni li jassenjaw faċilitajiet speċjali tal-iskola lill-minorenni, li jingħataw protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi salvagwardjat ambjent tal-iskola ordnat***.

Or. en

Emenda 710
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Adulti li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għas-sistema ġenerali tal-edukazzjoni, aktar taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini ***ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru li jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli***.	2. Adulti li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għas-sistema ġenerali tal-edukazzjoni, aktar taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini.

Or. en

Emenda 711

Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Adulti li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għas-sistema ġenerali tal-edukazzjoni, aktar taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru ***li jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli***.	2. Adulti li jingħataw protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għas-sistema ġenerali tal-edukazzjoni, aktar taħriġ jew taħriġ mill-ġdid, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar xi tfisser eżatt "ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru li jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli". Il-bidla proposta hija maħsuba li telimina din l-ambigwità u tiżgura li t-tranżizzjoni bejn it-tfal u l-adulti tkun aktar ħafifa. Ħafna tfal mhux akkumpanjati jagħlqu t-18-il sena qabel ma jirċievu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, dawk li jirċievu permess ta' residenza jeħtieġ li jkollhom garanziji sabiex ilestu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom.

Emenda 712
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali bħal ċittadini ***tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fil-kuntest tal-proċeduri eżistenti ta' rikonoxximent għal diplomi u ċertifikati barranin u evidenza oħra ta' kwalifiki formali.	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali bħal ċittadini ***oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fil-kuntest tal-proċeduri eżistenti ta' rikonoxximent għal diplomi u ċertifikati barranin u evidenza oħra ta' kwalifiki formali.

Or. en

Emenda 713
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffaċilitaw l-aċċess sħiħ għall-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għal dawk il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li ma jistgħux jipprovdu evidenza dokumentarja tal-kwalifiki tagħhom mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2(2) u 3(3) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill46.	***imħassar***
46 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).	

Or. en

Emenda 714
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini ***tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-aċċess għal skemi xierqa għall-valutazzjoni, il-validazzjoni u l-akkreditazzjoni tat-tagħlim u l-esperjenza preċedenti tagħhom.	3. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini ***oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-aċċess għal skemi xierqa għall-valutazzjoni, il-validazzjoni u l-akkreditazzjoni tat-tagħlim u l-esperjenza preċedenti tagħhom.

Or. en

Emenda 715
Kristina Winberg

Proposta għal regolament
Artikolu 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 33	***imħassar***
Sigurtà soċjali	
Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tas-sigurtà soċjali.	

Or. en

Emenda 716
Traian Ungureanu, Artis Pabriks, Kinga Gál, Pál Csáky, Tomáš Zdechovský, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 33	***imħassar***
Sigurtà soċjali	
Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tas-sigurtà soċjali.	

Or. en

Emenda 717
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini ***tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tas-sigurtà soċjali.	Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini ***oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tas-sigurtà soċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sakemm l-istatus ta' residenza tal-benefiċjajru ta' protezzjoni internazzjonali jkun jista' jitqies permanenti l-Istati Membri jeħtieġ li ma jagħtux l-istess livell ta' protezzjoni soċjali bħalma jagħtu liċ-ċittadini tagħhom stess.

Emenda 718
Kristina Winberg

Proposta għal regolament
Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 34	***imħassar***
Assistenza soċjali	
1.	
Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-assistenza soċjali.	
Aċċess għal ċerta assistenza soċjali speċifikata fil-liġi nazzjonali jista' jingħata bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali f'miżuri ta' integrazzjoni.	
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi.	

Or. en

Emenda 719
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini ***tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-assistenza soċjali.	Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom igawdu trattament ugwali ma' ċittadini ***oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni fir-rigward tal-assistenza soċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sakemm l-istatus ta' residenza tal-benefiċjajru ta' protezzjoni internazzjonali jkun jista' jitqies permanenti l-Istati Membri jeħtieġ li ma jagħtux l-istess livell ta' assistenza soċjali bħalma jagħtu liċ-ċittadini tagħhom stess.

Emenda 720
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aċċess għal ċerta assistenza soċjali speċifikata fil-liġi nazzjonali jista' jingħata bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali f'miżuri ta' integrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 721

Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aċċess għal ċerta assistenza soċjali speċifikata fil-liġi nazzjonali jista' jingħata bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali f'miżuri ta' integrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 722
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aċċess għal ***ċerta*** assistenza soċjali speċifikata fil-liġi nazzjonali ***jista'*** jingħata bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali f'miżuri ta' integrazzjoni.	Aċċess għal assistenza soċjali speċifikata fil-liġi nazzjonali ***għandu*** jingħata bil-kundizzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva ***u l-konklużjoni b'suċċess*** tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali ***u l-membri tal-familja tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 2(9)*** f'miżuri ta' integrazzjoni.

Or. en

Emenda 723
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal	***imħassar***

benefiċċji bażiċi.

Or. it

Emenda 724
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 725
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 726
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 727
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali għal benefiċċji bażiċi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħar-rapporteur, ix-shadow rapporteur jemmen li mhijiex ċara r-raġuni għaliex il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni u li jkunu ngħataw protezzjoni sussidjarja jenħtieġ li ma jirċevux l-assistenza soċjali li minnha jibbenefikaw persuni oħra li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li ma jkun hemm ebda trattament mhux ugwali bejn il-persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Dan huwa legalment dubjuż u mhux ta' għajnuna mil-lat amministrattiv. Ladarba l-bżonn għall-protezzjoni tkun ġiet stabbilita dawn il-persuni kollha għandhom l-istess ħtiġijiet soċjali fl-Istat Membru ospitanti.

Emenda 728
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali ***għal***	2. Għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, l-Istati Membri

benefiċċji bażiċi.	jistgħu jillimitaw l-assistenza soċjali.

Or. en

Emenda 729
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kura tas-saħħa	Kura tas-saħħa ***bażika***

Or. en

Emenda 730
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini ***tal-Istat*** Membru li jkun ta din il-protezzjoni.	1. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini ***oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta din il-protezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sakemm l-istatus ta' residenza tal-benefiċjajru ta' protezzjoni internazzjonali jkun jista' jitqies permanenti l-Istati Membri jeħtieġ li ma jagħtux l-istess aċċess għall-kura tas-saħħa bħalma jagħtu liċ-ċittadini tagħhom stess.

Emenda 731
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta din il-protezzjoni.	1. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa ***bażika*** taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta din il-protezzjoni.

Or. en

Emenda 732
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li għandhom bżonnijiet speċjali, bħal nisa tqal, persuni b'diżabilità, persuni li jkunu għaddew minn tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew minorenni li kienu l-vittmi ta' kwalunkwe forma ta' abbuż, negliġenza, sfruttament, tortura, trattament krudili, inuman u degradanti jew li jkunu sofrew minn konflitt armat għandhom jiġu provduti b'kura tas-saħħa adegwata, inkluż it-trattament ta' mard mentali meta jkun meħtieġ, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni.	2. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li għandhom bżonnijiet speċjali, bħal nisa tqal, persuni b'diżabilità, persuni li jkunu għaddew minn tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew minorenni li kienu l-vittmi ta' kwalunkwe forma ta' abbuż, negliġenza, sfruttament, tortura, trattament krudili, inuman u degradanti jew li jkunu sofrew minn konflitt armat għandhom jiġu provduti b'kura tas-saħħa adegwata, inkluż it-trattament ta' mard mentali meta jkun meħtieġ, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini tal-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni. ***Eks-applikanti ta' protezzjoni internazzjonali li jeħtieġu bżonnijiet proċedurali speċjali li kienu qed jirċievu assistenza medika skont l-Artikolu 19(2) tar-[Regolament dwar il-Proċeduri ta' Riformulazzjoni] għandhom jibqgħu jirċievu l-kura wara r-rikonoxximent tal-istatus tagħhom, sakemm ikun meħtieġ.***

Or. en

Emenda 733
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li għandhom bżonnijiet speċjali***, bħal nisa tqal, persuni b'diżabilità, persuni li jkunu għaddew minn tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew minorenni li kienu l-vittmi ta' kwalunkwe forma ta' abbuż, negliġenza, sfruttament, tortura, trattament krudili, inuman u degradanti jew li jkunu sofrew minn konflitt armat*** għandhom jiġu provduti b'kura tas-saħħa adegwata, inkluż it-trattament ta' mard mentali meta jkun meħtieġ, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini ***tal-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni.	2. Benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li għandhom bżonnijiet speċjali għandhom jiġu provduti ***b'assistenza biex jaċċessaw*** kura tas-saħħa adegwata, inkluż it-trattament ta' mard mentali meta jkun meħtieġ, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ċittadini ***oħra ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fl-Istat*** Membru li jkun ta l-protezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx dubju li l-bżonnijiet relatati mas-saħħa ta' kull individwu jenħtieġ li jiġu vvalutati minn u jibqgħu fid-diskrezzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jkunu qed jieħdu ħsieb il-każ individwali tagħhom. L-elenkar tal-persuni li jistgħu jkunu eliġibbli għal kura tas-saħħa adegwata għalhekk mhuwiex meħtieġ u huwa diskriminatorju. Fil-kuntest ta' dan il-Kapitolu, persuna bi bżonnijiet speċjali tfisser xi ħadd li jeħtieġ garanziji speċjali sabiex ikun jista' jibbenefika mid-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi pprovduti hawnhekk.

Emenda 734
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Aċċess għall-kura tas-saħħa bl-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru għandu jingħata wkoll għal dawk li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, f'każ li l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali tiġi rifjutata. F'każ li jkun hemm riskju li s-saħħa tal-persuna tmur għall-agħar jekk din tintbagħat lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħha jew li l-persuna se tirriskja li tmut minħabba li tkun imċaħħda mill-kura tas-saħħa, l-Istat Membru m'għandux jibgħat lura lil dik il-persuna u joffrilha assistenza u kura tas-saħħa skont id-dritt għall-ħajja u l-projbizzjoni ta' tortura u trattament inuman jew degradanti jew kastig kif stipulat mill-Artikoli 2 u 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda ispirata mid-deċiżjoni riċenti tal-QEDB Paposhvili v. il-Belġju (13 ta' Diċembru 2016),

Emenda 735
Kristina Winberg

Proposta għal regolament
Artikolu 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 736
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kemm jista' jkun malajr ***wara li tingħata protezzjoni internazzjonali*** u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem ***tax-xogħol***, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.	Kemm jista' jkun malajr u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem ***mid-data tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti. ***Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala kustodja, għandha kemm jista' jkun malajr taħtar persuna responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet tal-kustodja fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjat, f'konformità ma' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 737
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali ***u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol***, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-	Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux

miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali***, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti***.	akkumpanjati minn kustodja legali.

Or. en

Emenda 738
Anna Maria Corazza Bildt

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi ***żmien*** mhux aktar minn ħamest ijiem ***tax-xogħol***, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.	Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi ***kwalunkwe każ*** mhux aktar ***tard*** minn ħamest ijiem ***mill-mument meta minorenni mhux akkumpanjat jasal fl-Istat Membru***, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali ***kkwalifikata***, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.

Or. en

Emenda 739
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali***, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew*** b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.	Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.

Or. en

Emenda 740
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem ***tax-xogħol, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri],*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.	***Meta ma jkunx hemm il-possibbiltà li jinżamm l-istess gwardjan maħtur wara li minorenni mhux akkumpanjat jasal fit-territorju tal-Unjoni,*** kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li jkun preferibbli li jinżamm l-istess gwardjan maħtur wara li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun wasal fit-territorju tal-Unjoni, anke wara li tkun ingħatat il-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, f'dawk il-każijiet li fihom il-gwardjan ma jistax iżomm ir-rwol tiegħu (minħabba n-nuqqas ta' konformità tiegħu mar-regoli, jew minħabba trasferiment tal-minorenni), l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaħtru gwardjan ġdid fl-iqsar żmien possibbli.

Emenda 741
Kati Piri, Tanja Fajon, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem ***tax-xogħol, kif deskritt fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri],*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.	Kemm jista' jkun malajr wara li tingħata protezzjoni internazzjonali u fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rappreżentanza ta' minorenni mhux akkumpanjati minn kustodja legali, jew fejn meħtieġ, minn organizzazzjoni responsabbli għall-kura u l-benesseri tal-minorenni, jew b'kull rappreżentanza oħra xierqa inkluż dik ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni jew ordni tal-qorti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mal-bidliet proposti fid-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza. Jenħtieġ li l-gwardjani jinħatru malajr kemm jista' jkun. Fit-tmiem il-ġimgħa, il-minorenni mhux akkumpanjati xorta waħda jibqgħu mhux akkumpanjati, għalhekk jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ta' ħamest ijiem ikun ta' ħamest ijiem biss u mhux ta' ħamest ijiem tax-xogħol.

Emenda 742

Kati Piri, Tanja Fajon, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li gwardjan jitpoġġa responsabbli ta' għadd limitat ta' mhux aktar minn 20 minorenni mhux akkumpanjati fl-istess ħin sabiex jiġi żgurat li l-gwardjan ikun kapaċi jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv. L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew persuni responsabbli biex jagħmlu monitoraġġ f'intervalli regolari biex jiżguraw li l-gwardjani jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod sodisfaċenti. Dawk l-entitajiet jew il-persuni għandu jkollhom ukoll il-kompetenza li jeżaminaw l-ilmenti ppreżentati mill-minorenni mhux akkumpanjati kontra l-gwardjan tagħhom. Għal dan l-għan, il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jingħataw informazzjoni, b'mod u f'lingwa li jifmuhom it-tfal, dwar min huma dawn l-entitajiet jew persuni u kif ikunu jistgħu jirrapportaw lmenti kontra l-gwardjani tagħhom b'fiduċja u sigurtà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mal-bidliet proposti fid-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza. Sabiex jiġi żgurat li l-gwardjani jkunu kapaċi jwettqu b'mod adegwat ir-rwol tagħhom, jenħtieġ li dawn, fl-ebda ħin partikolari, ma jkunu responsabbli għal aktar minn 20 minorenni mhux akkumpanjati. Dan il-limitu massimu se jipprovdi wkoll ċarezza legali. Il-massimu ta' 20 minorenni mhux akkumpanjati jitqies bħala prattika tajba mill-esperti f'dan il-qasam tal-kustodja tal-minorenni, bħan-NIDOS u l-UNHCR.

Emenda 743
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala kustodja, għandha kemm jista' jkun malajr taħtar persuna responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet tal-kustodja fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjat, f'konformità ma' ***dan ir-Regolament***.	Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala kustodja, għandha kemm jista' jkun malajr taħtar persuna responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet tal-kustodja fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjat, f'konformità ma' ***din id-Direttiva*.**

Or. en

Emenda 744
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-gwardjan maħtur għandu jkollu d-dmir li jiżgura li l-minorenni jista' jkollu aċċess għad-drittijiet kollha li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. L-awtoritajiet ***xierqa*** għandhom jivvalutaw ***b'mod regolari l-prestazzjoni tal-kustodja maħtur***.	2. Il-gwardjan maħtur għandu jkollu d-dmir li jiżgura li l-minorenni jista' jkollu aċċess għad-drittijiet kollha li jirriżultaw minn dan ir-Regolament. L-awtoritajiet ***responsabbli*** għandhom jivvalutaw ***il-prestazzjoni tal-gwardjan fl-ewwel xahar wara l-ħatra tiegħu, u mbagħad b'mod regolari***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-raġuni għaliex il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-gwardjan jenħtieġ li titwettaq fl-ewwel xahar wara l-ħatra tiegħu tinsab fl-idea li skontha huwa matul l-ewwel perjodu tar-relazzjoni bejn il-gwardjan u l-minorenni li tiġi stabbilita l-bażi għal fiduċja dejjiema.

Emenda 745
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) f'ċentri speċjalizzati f'akkomodazzjoni għal minorenni;	(c) f'ċentri ***miftuħa*** speċjalizzati f'akkomodazzjoni għal minorenni***, li jqisu l-vulnerabbiltà tagħhom u jiżguraw is-sigurtà tagħhom***;

Or. en

Emenda 746
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) f'akkomodazzjoni oħra adattata għall-minorenni.	(d) f'akkomodazzjoni oħra ***miftuħa*** adattata għall-minorenni ***li tqis il-vulnerabbiltà tagħhom u tiżgura s-sigurtà tagħhom***.

Or. en

Emenda 747
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk minorenni mhux akkumpanjat ikun ingħata protezzjoni internazzjonali u t-traċċar tal-membri tal-familja tiegħu ma jkunx għadu beda, l-Istati Membri għandhom jibdew jittraċċawhom kemm jista' jkun malajr wara l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minorenni. Jekk it-traċċar ikun diġà beda, għandu jitkompla fejn ikun xieraq. F'każijiet fejn jista' jkun	***imħassar***

hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba viċini tiegħu, partikolarment jekk ikunu baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni rigward dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bażi legali għar-riunifikazzjoni tal-familja jenħtieġ li tkun primarjament fid-Direttiva dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja. Barra minn hekk, l-inkoraġġiment biex jingħaqdu l-familji mifruda jista' jżid il-pressjoni fuq il-koeżjoni soċjali u s-settur pubbliku fl-Istati Membri.

Emenda 748
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Jekk*** minorenni mhux ***akkumpanjat ikun ingħata*** protezzjoni internazzjonali ***u t-traċċar tal-membri tal-familja tiegħu ma jkunx għadu beda, l-Istati Membri għandhom jibdew jittraċċawhom kemm jista' jkun malajr wara l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minorenni. Jekk it-traċċar ikun diġà beda, għandu jitkompla fejn ikun xieraq.*** F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba viċini tiegħu, partikolarment jekk ikunu baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni rigward dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali.	***It-traċċar tal-membri tal-familja ta'*** minorenni mhux ***akkumpanjati għandu jibda hekk kif huma jagħmlu talba għal*** protezzjoni internazzjonali. F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba viċini tiegħu, partikolarment jekk ikunu baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni rigward dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali***, biex ikun evitat li s-sigurtà tagħhom titqiegħed fil-periklu***.

Or. en

Emenda 749
Kati Piri, Tanja Fajon, Juan Fernando López Aguilar

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jirċievu taħriġ xieraq kontinwu dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-minorenni u l-istandards tas-salvagwardja tat-tfal għandhom jiġu rispettati kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri].	6. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jirċievu taħriġ xieraq kontinwu dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-minorenni u l-istandards tas-salvagwardja tat-tfal għandhom jiġu rispettati kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri]. ***Meta organizzazzjoni tinħatar bħala gwardjan, hija għandha taħtar persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tal-gwardjan fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati, skont din id-Direttiva. Il-gwardjan għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, għal dan l-għan għandu jkollu l-kwalifiki u l-kompetenzi meħtieġa u m'għandux ikollu reġistru verifikat ta' reati jew offiżi relatati mat-tfal. Sabiex jiġi żgurati l-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, il-persuna li taġixxi bħala gwardjan għandha tinbidel biss meta meħtieġ. Organizzazzjonijiet jew individwi li l-interessi tagħhom joħolqu kunflitt jew jistgħu possibbilment joħolqu kunflitt ma' dawk tal-minorenni mhux akkumpanjati m'għandhomx jinħatru bħala gwardjani.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mal-bidliet proposti fid-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza. Il-gwardjani jenħtieġ li jkunu kkwalifikati kif xieraq u l-aħjar interessi tat-tfal jenħtieġ li jingħataw prijorità.

Emenda 750
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jirċievu taħriġ xieraq ***kontinwu*** dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-minorenni u l-istandards tas-salvagwardja tat-tfal għandhom jiġu rispettati kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri].	6. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jirċievu taħriġ xieraq dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-minorenni u l-istandards tas-salvagwardja tat-tfal għandhom jiġu rispettati kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament UE Nru xxx/xxx[Ir-Regolament dwar il-Proċeduri].

Or. en

Emenda 751
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni ***taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorji tal-Istati Membri li huma f'sitwazzjoni paragunabbli***.	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni.

Or. en

Emenda 752
Lorenzo Fontana

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt ***kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorji tal-Istati Membri li huma f'sitwazzjoni paragunabbli***.	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt ***il-kundizzjonijiet preskritti tal-pajjiż ospitanti***.

Or. it

Emenda 753
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini ***ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorji tal-Istati Membri li huma f'sitwazzjoni paragunabbli***.	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini.

Or. en

Emenda 754
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment	1. Benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom aċċess għall-akkomodazzjoni taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment

fit-territorji tal-Istati Membri ***li huma f'sitwazzjoni paragunabbli***.	fit-territorji tal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar xi tfisser eżatt "ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat Membru li jkunu f'sitwazzjoni paragunabbli". Il-bidla proposta hija maħsuba li telimina din l-ambigwità u tiżgura akkomodazzjoni adegwata lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Emenda 755
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Prattiki ta' tixrid nazzjonali ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jitwettqu ***sal-punt possibbli mingħajr diskriminazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u għandhom jiżguraw opportunitajiet ugwali fir-rigward tal-aċċess għall-akkomodazzjoni***.	2. Prattiki ta' tixrid nazzjonali ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jitwettqu ***b'mod xieraq u kosteffikaċi***.

Or. en

Emenda 756
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Prattiki ta' tixrid nazzjonali ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jitwettqu ***sal-punt possibbli*** mingħajr diskriminazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u għandhom jiżguraw opportunitajiet ugwali fir-rigward	2. Prattiki ta' tixrid nazzjonali ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jitwettqu mingħajr diskriminazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u għandhom jiżguraw opportunitajiet ugwali fir-rigward

tal-aċċess għall-akkomodazzjoni.	tal-aċċess għall-akkomodazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-kummenti għall-Artikolu 28(2).

Emenda 757
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari ***korsijiet tal-lingwa,*** programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li ***jqisu*** l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.	1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji ***ta' protezzjoni internazzjonali*** għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali**,** li ***għandhom ikunu mingħajr ħlas u faċilment aċċessibbli, il-kura tat-tfal għandha tingħata u dawn il-miżuri għandhom iqisu*** l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

Or. en

Emenda 758
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri,	1. Sabiex tiġi ***promossa u*** ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji ***ta' protezzjoni internazzjonali*** għandu jkollhom aċċess ***mingħajr ħlas u effettiv***

b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.	għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

Or. en

Emenda 759
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' ***benefiċjarji ta'*** protezzjoni internazzjonali ***fis-soċjetà, il-benefiċjarji*** għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni ***u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom***.	1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ***fis-soċjetà, il-benefiċjarji*** ta' protezzjoni internazzjonali ***u l-membri tal-familja tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 2(9)*** għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni.

Or. en

Emenda 760
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa,	1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji ***ta' protezzjoni internazzjonali*** għandu jkollhom aċċess ***mingħajr ħlas u effettiv*** għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-

programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.	Istati Membri, b'mod partikolari korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

Or. en

Emenda 761
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji ***għandu*** jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, ***b'mod partikolari*** korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.	1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, il-benefiċjarji ***ta' protezzjoni internazzjonali jista'*** jkollhom aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni provduti mill-Istati Membri, ***bħal*** korsijiet tal-lingwa, programmi ta' orjentazzjoni ċivika u ta' integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

Or. en

Emenda 762
Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) L-istituzzjonijiet pubbliċi jaħdmu b'mod konġunt mal-NGOs fl-iżvilupp ta' mezzi ta' integrazzjoni li jqisu l-ħtiġijiet li jesprimu direttament il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Għandha titqies ukoll is-sitwazzjoni speċifika tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali

li jkollhom ħtiġijiet speċjali, in-nisa u l-minorenni mhux akkumpanjati.

Or. es

Emenda 763
Angelika Mlinar, Sophia in 't Veld, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali b'aċċess effettiv għall-korsijiet tal-lingwa mingħajr ħlas, mid-data li fiha tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu lill-benefiċjarji biex ikopru jew jikkontribwixxu għall-ispiża ta' tali korsijiet, jekk il-benefiċjarji jkollhom biżżejjed riżorsi.

Or. en

Emenda 764
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali b'aċċess effettiv għall-korsijiet tal-lingwa, li għandhom ikunu mingħajr ħlas, mid-data li fiha tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 765

Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 766
Jussi Halla-aho, Helga Stevens

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja.	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja. ***L-aċċess għall-benefiċċji soċjali għandu jiddependi fuq il-parteċipazzjoni effettiva u l-konklużjoni b'suċċess tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fil-programmi ta' integrazzjoni.***

Or. en

Emenda 767
Fabio Massimo Castaldo, Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja.	2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja***, sakemm dawn ikunu bla ħlas, ikunu effettivament u faċilment***

	aċċessibbli u li jqisu l-bżonnijiet partikolari tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Or. it

Emenda 768
Angelika Mlinar, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja.	2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorja***, sakemm il-miżuri ta' integrazzjoni inkwistjoni jkunu faċilment aċċessibbli, mingħajr ħlas u jqisu l-bżonnijiet speċifiċi***.

Or. en

Emenda 769
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħmlu ***l-parteċipazzjoni fil-miżuri*** ta' integrazzjoni ***obbligatorja***.	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jagħmlu ***l-miżuri*** ta' integrazzjoni ***faċilment aċċessibbli, mingħajr ħlas u jqisu l-bżonnijiet speċifiċi tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali inkwistjoni***.

Or. en

Emenda 770
Artis Pabriks, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský, Kinga Gál, Pál Csáky, Monica Macovei

Proposta għal regolament

Artikolu 38a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 38a
	Obbligi
	1. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw u jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali tal-Istat Membru.
	2. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw il-kultura, il-lingwa u n-normi soċjali tal-Istat Membru.
	3. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għandu jkollhom l-obbligu li jagħmlu l-almu tagħhom biex jintegraw fl-Istat Membru u jużaw il-possibbiltajiet ta' integrazzjoni provduti, bħat-tagħlim tal-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 771
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandha tiġi pprovduta assistenza lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom.	Għandha tiġi pprovduta assistenza ***mhux monetarja biss*** lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom ***u emigrazzjoni volontarja tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li tiġi mħeġġa b'mod attiv permezz ta' firxa wiesgħa ta' politiki nazzjonali***.

Or. en

Emenda 772

Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandha tiġi pprovduta assistenza lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom.	***Tista'*** tiġi pprovduta assistenza lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom.

Or. en

Emenda 773
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu rċevew jew għandhom jirċievu t-taħriġ meħtieġ u għandhom jiġu marbuta bil-prinċipju ta' kunfidenzjalità, kif definit fil-liġi nazzjonali, f'relazzjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom.	L-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu rċevew jew għandhom jirċievu t-taħriġ meħtieġ u għandhom jiġu marbuta bil-prinċipju ta' kunfidenzjalità, kif definit fil-liġi nazzjonali, f'relazzjoni ma' kull informazzjoni ***dwar kwalunkwe każ individwali*** li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom ***mingħajr preġudizzju għal data anonimizzata b'mod suffiċjenti għall-finijiet ta' skrutinju pubbliku***.

Or. en

Emenda 774
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' ***dan ir-Regolament*** għandhom ikunu rċevew jew għandhom jirċievu t-taħriġ meħtieġ u għandhom jiġu marbuta bil-prinċipju ta' kunfidenzjalità, kif definit fil-liġi nazzjonali, f'relazzjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom.	L-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' ***din id-Direttiva*** għandhom ikunu rċevew jew għandhom jirċievu t-taħriġ meħtieġ u għandhom jiġu marbuta bil-prinċipju ta' kunfidenzjalità, kif definit fil-liġi nazzjonali, f'relazzjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom.
	Or. en

Emenda 775
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 42a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 42a
	Trasposizzjoni
	1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijeit amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel XX/XX/XXXX. Huma għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.
	Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza sal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.
	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.
	Or. en

Emenda 776
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard minn sentejn wara ***d-dħul fis-seħħ*** ta' ***dan ir-Regolament*** u kull ***ħames*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament*** u għandha, fejn xieraq, tipproponi l-emendi neċessarji.	Sa mhux aktar tard minn sentejn wara ***d-data*** ta' ***skadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*** u kull ***tliet*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva*** u għandha, fejn xieraq, tipproponi l-emendi neċessarji.

Or. en

Emenda 777
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44
Artikolu 4
paragrafu 3:

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 44	***imħassar***
Emenda għad-Direttiva 2003/109/UE	
1. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:	
"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza	

legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."

"Artikolu 26a

Traspożizzjoni tal-Artikolu 4(3a)

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih."

Or. en

Emenda 778
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1
Direttiva 2003/109/UE
Artikolu 4 §3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:	***imħassar***
"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."	

Or. en

Emenda 779
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1
Artikolu 4
paragrafu 3:

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:	***imħassar***
"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."	

Or. en

Emenda 780
Anna Maria Corazza Bildt

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:	1. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej: ***Din il-proċedura m'għandhiex tapplika għal minorenni mhux akkumpanjati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-movimenti sekondarji ta' minorenni mhux akkumpanjati, li mhumiex fl-aħjar interessi tagħhom, spiss jiġu operati mit-traffikanti, għalhekk huma jenħtieġ li jiġu kkastigati għal falliment li huwa dovut għal ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tagħhom.

Emenda 781
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1
Artikolu 4
paragrafu 3:

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."	***imħassar***

Or. en

Emenda 782
Kati Piri

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1
Direttiva 2003/109/UE
Artikolu 4, paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità	"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, ***u l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru jkunu stabbilew li l-***

mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."	***benefiċjarju ma jkunx qagħad jew irrisjeda hemmhekk*** mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali ***għal aktar minn ġimagħtejn u mingħajr ġustifikazzjoni serja jew urġenti***, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."

Or. en

Emenda 783
Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Frank Engel, Barbara Matera, Salvatore Domenico Pogliese, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1
Direttiva 2003/109/UE
Artikolu 4 paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."	"3a.Fejn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jinstab fi Stat Membru, ieħor għajr dak li ta l-protezzjoni internazzjonali, mingħajr id-dritt ta' permanenza jew ta' residenza f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, il-perjodu ta' permanenza legali li jippreċedi din is-sitwazzjoni m'għandux jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1***, sakemm huwa juri li r-raġuni għall-moviment kienet minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu***."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja li r-raġunament wara din id-dispożizzjoni jista' jiġi kondiviż, hemm xi dubji dwar jekk tali sanzjoni, mingħajr l-ebda eċċezzjoni, hijiex kompatibbli mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fil-fatt, jista' jkun hemm każijiet li fihom il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun iċċaqlaq lejn Stat Membru, għajr dak li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali, minħabba raġunijiet li ma jkunux imputabbli għar-rieda tiegħu.

Emenda 784
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1a (ġdid)
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 4 §2, it-tielet subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. -1. Fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/109/KE, it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:
	"Fir-rigward ta' persuni li lilhom tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali, il-perjodu bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fuq il-bażi tagħha tkun ingħatat dik il-protezzjoni internazzjonali u d-data tal-għoti tal-permess ta' residenza msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE).../... [Ir-Regolament dwar il-Kwalifiki], għandu jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."

Or. en

Emenda 785
Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1b (ġdid)
Direttiva 2003/109/UE
Artikolu 4 §1(a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/109/UE, il-paragrafu 1a huwa emendat kif ġej:
	1.L-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' resident fit-tul lil ċittadini ta'

pajjiżi terzi li jkunu jgħixu legalment u kontinwament fit-territorju tagħhom għal ħames snin li jiġu minnufih qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni rilevanti.

1(a). B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' resident fit-tul lil benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li kienu jgħixu legalment u kontinwament fit-territorju tagħhom għal sentejn immedjatament qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni rilevanti.

Or. en

Emenda 786
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2
Artikolu 4
paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Artiklu 26a li ġej jiddaħħal:	***imħassar***
"Artikolu 26a	
Traspożizzjoni tal-Artikolu 4(3a)	
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih."	

Or. en

Emenda 787

Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2
2003/109/UE
"Artikolu 26a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Artiklu 26a li ġej jiddaħħal:	***imħassar***
"Artikolu 26a	
Traspożizzjoni tal-Artikolu 4(3a)	
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih."	

Or. en

Emenda 788
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2
Artikolu 4
paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Artikolu 26a	***imħassar***

Or. en

Emenda 789
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2
Artikolu 4
paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Traspożizzjoni tal-Artikolu 4(3a)	***imħassar***

Or. en

Emenda 790
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2
Artikolu 4
paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 791
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2
2003/109
26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-	L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-

seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ***[sitt xhur*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.	seħħ il-liġijiet, ir-regolament u id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ***[xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 792
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-Direttiva 2011/95/KE hija mħassra b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ***dan ir-Regolament***. Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***dan ir-Regolament*** u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.	Id-Direttiva 2011/95/KE hija mħassra b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ***din id-Direttiva***. Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***din id-Direttiva*** u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Or. en

Emenda 793
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara ***l-pubblikazzjoni tiegħu*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	***Din id-Direttiva għandha tidħol*** fis-seħħ fl-għoxrin jum wara ***dak tal-pubblikazzjoni tagħha*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 794
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jibda japplika minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].	***imħassar***

Or. en

Emenda 795
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jibda japplika minn ***[sitt xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].	Dan ir-Regolament għandu jibda japplika minn ***[tnax-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Or. en

Emenda 796
Jean Lambert
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 797
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.	Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati. ***L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jinfurzaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi trasposti li huma jqisu li jkunu qegħdin jiksru l-prinċipju tas-sussidjarjetà jew l-ispirtu tat-Trattati.***

Or. en

Emenda 798
Barbara Spinelli, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS II
	Ir-Rikonoxximent Reċiproku u t-traferiment ta' responsabbiltà ta' deċiżjonijiet dwar l-asil
	Rikonoxximent reċiproku ta' deċizjonijiet pożittivi dwar l-asil, abbażi ta' standards u prattika legali armonizzati, ġie deskritt bħala pass importanti fl-iżvilupp ulterjuri tas-SEKA. It-Trattat ta' Lisbona jipprevedi wkoll għaqda aktar mill-qrib. L-Artikolu 78(1) tat-TFUE jipprovdi li l-Unjoni se tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, protezzjoni sussidjarja u protezzjoni temporanja f'konformità mal-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tal-1951 u l-

Protokoll tagħha. Sabiex dan jintlaħaq, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jippermettu "status uniformi ta' asil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha" u status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-ewwel pass huwa li tiġi żgurata l-preżenza tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet pożittivi dwar l-asil, u li dan jiżgura li jkun hemm kunsens komuni fost l-Istati Membri fir-rigward tal-effett ta' deċiżjoni pożittiva dwar l-asil ta' Stat Membru ieħor, li jevita każijiet bħal M.C. v il-Bulgarija, u r-riskju ta' aktar refoulement.

It-tieni, sabiex l-istatus ikun tassew validu, dan irid jinkludi d-drittijiet u l-intitolamenti kollha li huma marbuta mal-istatus. Skont il-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tal-1951, ir-rifuġjati jeħtiġilhom jiġu ttrattati bħala l-aktar barranin preferuti f'termini tal-impjiegi b'paga, li fil-każ tal-UE huma ċ-ċittadini tal-UE li għandhom id-dritt li jaħdmu u jivvjaġġaw fi Stati Membri oħra jekk jissodisfaw xi kriterji bażiċi.

It-tielet, hemm ukoll l-obbligu li jiġi stabbilit qafas li jirregola taħt liema ċirkostanzi benefiċjarju jista' jittrasferixxi l-istatus tiegħu lit-tieni Stat Membru. Kif enfasizzat fil-Premessa 42 tar-Regolament, il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jistgħu japplikaw biex jirrisjedu fi Stat Membru għajr dak l-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni, skont ir-regoli rilevanti tal-UE, b'mod partikolari, skont id-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul u d-Direttiva proposta dwar il-Karta Blu1a, iżda dan ma jimplika l-ebda trasferiment tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali u drittijiet relatati. Minħabba l-problemi u t-tħassib li jiltaqgħu magħhom il-benefiċjarji meta jiċċaqalqu lejn Stat Membru ieħor skont dawn id-Direttivi, huwa meħtieġ strument fil-livell tal-UE li jistabbilixxi liema Stati Membri huma responsabbli għall-istatus

tal-applikant, u f'liema stadju Stat Membru ieħor isir responsabbli.

Sabiex dan jintlaħaq, għandhom jitqiesu dawn li ġejjin:

a) L-Artikolu 78(2)(a) tat-TFUE[1b] li jipprovdi status uniformi li huwa validu fl-Unjoni kollha; sabiex jiġi żgurat li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija verament bbażata fuq sistemi u standards komuni, u sabiex jiġi żgurat li jkun rispettat il-prinċipju ta' non-refoulement, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku deċiżjoni pożittiva dwar l-asil li tittieħed mill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi fi Stat Membru ieħor.
b) sabiex jiġi żgurat li l-istatus huwa tassew validu, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikonoxxu d-drittijiet u l-intitolamenti marbuta miegħu. Il-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tal-1951 tipprovdi li r-rifuġjati jeħtiġilhom jiġu ttrattati bħala l-aktar barranin preferuti f'termini ta' impjiegi b'paga. Dan ipoġġi obbligu fuq l-Istati biex jestendu drittijiet u responsabbiltajiet sħaħ lil benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rikonoxxut fi Stati Membri oħra bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-UE residenti legalment.
c) L-iżvilupp ta' qafas komprensiv li jistipula meta u f'liema ċirkostanzi trasferiment ta' status ta' protezzjoni internazzjonali jista' jseħħ. Dan jenħtieġ li jiċċara wkoll liema aspetti tat-talba għal protezzjoni huma koperti, u jindirizza t-tħassib tal-protezzjoni tad-data li jista' jinħoloq fir-rigward ta' tali trasferiment. Dan jenħtieġ li jkopri wkoll kemm lir-rifuġjati kif ukoll lill-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja.
Ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar l-asil, li jipprovdu l-kundizzjonijiet għal residenza fi Stat Membru għandhom jitqiesu bħala "status uniformi ta' asil" validu fl-Unjoni kollha li jista' jinvolvi l-possibbiltà li wieħed imur joqgħod fi Stat Membru ieħor, il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jkunu

ekwivalenti għal dawk imposti fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Status li huwa "validu fl-Unjoni kollha" jinvolvi drittijiet lill-benefiċjarji li jiċċaqalqu u jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jingħataw l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini tal-UE malli jirċievu l-istatus tagħhom u d-drittijiet u l-intitolamenti kollha li huma marbuta mal-istatus tagħhom.

[1a] impjieg b'ħiliet għolja (minn hawn 'il quddiem "proposta għal Direttiva dwar il-Karta Blu"), COM(2016) 378, 7 ta' Ġunju 2016.

[1b] Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw miżuri għal sistema Ewropea komuni tal-asil li jinkludu: (a) status uniformi ta' asil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha

Or. en